# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

10 ta' Lulju 2008 *

Werrej


Il-kuntest ġuridiku ........ I - 5032

Il-fatti li wasslu għall-kawża ........ I - 5035

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata ........ I - 5037

It-talbiet tal-partijiet ........ I - 5040

Fuq l-appell ........ I - 5043

Fuq l-ammissibbiltà ........ I - 5043

Fuq l-eċċezzjoni ġenerali ta' inammissibbiltà ........ I - 5043

Fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq il-fatt li l-appellanti naqsu milli jikkontestaw silta deċiżiva tas-sentenza appellata ........ I - 5044

Fuq il-mertu ........ I - 5045

Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravju, ibbażata fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat rekwiżiti ta' prova eċċessivi fir-rigward ta' deċiżjonijiet li japprovaw konċentrazzjoni ........ I - 5046

— Is-sentenza appellata ........ I - 5046

— L-argumenti tal-partijiet ........ I - 5046

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ........ I - 5048

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex tevalwa l-kontenut tad-Deċiżjoni kkontestata ........ I - 5051

— Is-sentenza appellata ........ I - 5051


* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

— L-argumenti tal-partijiet ........................................ I - 5053

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ........................ I - 5054

Fuq it-tieni aggravju kif ukoll fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju, ibbażati fuq żbalji ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza eżiġiet li l-Kummissjoni tagħmel investigazzjonijiet ġodda tas-suq wara r-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u applikat rekwiżiti ta' prova eċċessivi fir-rigward tal-elementi mressqa b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet .................... I - 5060

— Is-sentenza appellata ........................................ I - 5060

— L-argumenti tal-partijiet ........................................ I - 5061

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ........................ I - 5062

Fuq is-seba' aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq provi li ma ġewx żvelati lill-partijiet fil-konċentrazzjoni ..... I - 5065

— Is-sentenza appellata ........................................ I - 5065

— L-argumenti tal-partijiet ........................................ I - 5066

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ........................ I - 5066

Fuq il-ħames aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat ħażin il-kriterji ġuridiċi rilevanti applikabbli fil-qasam ta' ħolqien jew ta' tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kollettiva ........................... I - 5067

— Is-sentenza appellata ........................................ I - 5067

— L-argumenti tal-partijiet ........................................ I - 5070

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ........................ I - 5073

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza eċċediet il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija għandha .................. I - 5078

— Is-sentenza appellata ........................................ I - 5078

— L-argumenti tal-partijiet ........................................ I - 5079

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ........................ I - 5080

Fuq is-sitt aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat rekwiżit żbaljat fir-rigward tal-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet li japprovaw konċentrazzjoni . . . . . I - 5082

— Is-sentenza appellata . . . . . I - 5082

— L-argumenti tal-partijiet . . . . . I - 5086

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 5089

Fuq l-appell inċidentali allegat . . . . . I - 5094

Fuq ir-rinviju tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza . . . . . I - 5095

Fil-kawża C-413/06 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, imressaq fit-3 ta' Ottubru 2006

**Bertelsmann AG,** stabbilita f'Gütersloh (il-Ġermanja), irrappreżentata minn P. Chappatte u J. Boyce, solicitors,

**Sony Corporation of America,** stabbilita f' New-York (l-Istati Uniti tal-Amerika), irrappreżentata minn N. Levy, barrister, kif ukoll minn R. Snelders, avocat, u T. Graf, Rechtsanwalt,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

**Independent Music Publishers and Labels Association (Impala),** stabbilita f'Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn S. Crosby u J. Golding, solicitors, kif ukoll minn I. Wekstein, advocate,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,** irrappreżentata minn A. Whelan u K. Mojzesowicz, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

**Sony BMG Music Entertainment BV,** stabbilita f'Vianen (l-Olanda), irrappreżentata minn N. Levy, barrister, kif ukoll minn R. Snelders, avocat, u T. Graf, Rechtsanwalt,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Lenaerts, G. Arestis u U. Lõhmus, Presidenti tal-Awla, E. Juhász, A. Borg Barthet, M. Ilešič, J. Klučka, E. Levits u A. Ó Caoimh (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Novembru 2007,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Diċembru 2007,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, Bertelsmann AG (iktar 'il quddiem "Bertelsmann") u Sony Corporation of America (iktar 'il quddiem "Sony") jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-13 ta' Lulju 2006, Impala vs Il-Kummissjoni (T-464/04, Ġabra p. II-2289, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata" li permezz tagħha din annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/188/KE, tad-19 ta' Lulju 2004, li tiddikjara l-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq komuni u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE (Każ Nru COMP/M.3333 — SONY/BMG) (ĠU 2005, L 62, p. 30, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

## Il-kuntest ġuridiku

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU L 395, p. 1, u – rettifikattiv – ĠU 1990, L 257, p. 13), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1310/97 (KE), tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 180, p. 1, u – rettifikattiv – ĠU 1998, L 40, p. 17, iktar 'il quddiem ir-"Regolament") jipprovdi, fl-Artikolu 2(2) u (3) tiegħi:

"(2) Konċentrazzjoni li ma toħloqx jew li ma ssaħħaħx posizzjoni dominanti li b'riżultat ta' dan tiġi mfixkla sew il-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'xi parti sostanzjali tiegħu tiġi dikjarata kumpatibbli mas-suq komuni.

(3) Konċentrazzjoni li toħloq jew issaħħaħ posizzjoni dominanti li b'riżultat tagħha l-kompetizzjoni effettiva tiġi mfixkla sew fis-suq komuni jew f'xi parti kbira minnu għandha tiġi dikjarata mhix kumpatibbli mas-suq komuni".

3 L-Artikolu 6(1) tar-Regolament jipprovdi kif ġej:

"Il-Kummissjoni għandha teżamina n-notifikazzjoni malli tirċeviha.

[…]

c) […] fejn il-Kummissjoni ssib li l-konċentrazzjoni nnotifikata taqa' taħt l-iskop ta' dan ir-Regolament u toħloq dubbji serji dwar il-kompatibilità fis-suq komuni, hija għandha tiddeċiedi li tibda proċeduri."

4 L-Artikolu 8 jawtorizza lill-Kummissjoni, fil-paragrafi 2 u 3 rispettivi tiegħu, tieħu fil-kuntest tal-proċeduri formali għall-kontroll tal-kompatibbiltà tal- konċentrazzjoni mas-suq komuni mibdija skond l-Artikolu 6(1)(ċ) ta' dan ir-Regolament (iktar 'il quddiem il-"proċeduri formali") jew deċiżjoni ta' kompatibbiltà, skont il-każ, wara modifiki magħmula mill-impriżi kkonċernati għall-pjan ta' konċentrazzjoni tagħhom kif innotifikat, jew deċiżjoni ta' inkompatibbiltà. Skont l-Artikolu 8(5)(a)

tar-Regolament, il-Kummissjoni tista' tħassar id-deċiżjoni li hija tkun ħadet skont l-Artikolu 8(2) jekk id-dikjarazzjoni ta' kompatibbiltà tkun ibbażata fuq informazzjoni mhux korretta li għaliha kienet responsabbli waħda mill-impriżi konċernati jew li tkun inkisbet b'qerq.

5 Mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament jirriżulta li, ħlief f'ċerti sitwazzjonijiet li mhumiex rilevanti f'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha xahar sabiex tiddeċiedi jekk tibdiex jew jew le l-proċedimenti formali. Skont l-Artikolu 8(3), deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni nnotifikata inkompatibbli mas-suq komuni għandha ttieħed f'mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data li jkunu nbdew il-proċedimenti formali. Skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament, il-konċentrazzjoni nnotifikata tiqies li hija kompatibbli mas-suq komuni meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet fit-termini stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 10(1) u (3) jew deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedimenti formali, jew deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' din il-konċentrazzjoni.

6 L-Artikolu 11 tar-Regolament jittratta t-talbiet għal informazzjoni li l-Kummissjoni, fit-twettiq tad-dmirijiet mgħoddija lilha b'dan ir-regolament, tista' tindirizza b'mod partikolari lill-partijiet li qed jinnotifikaw u lil impriżi oħra jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi, skont il-każ permezz ta' deċiżjoni. L-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament jipprevedu l-impożizzjoni ta' multi jew ta' sanzjonijiet meta tkun komunikata informazzjoni inkorretta jew li tista' tqarraq.

7 L-Artiikolu 18(3) tar-Regolament jipprovdi:

"Il-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom il-partijiet setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Id-drittijiet ta' difiża għandhom jiġu mħarsa waqt il-proċedimenti. Aċċess għall-inkartament għandu jkun miftuħ mill-inqas għall-partijiet direttament involuti, bla ħsara għall-interess leġittimu ta' impriżi fil-ħarsien tas-sigrieti kummerċjali tagħhom".

8 L-Artikolu 19 tar-Regolament jikkonċerna r-rabta bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Skont l-Artikolu 19(3), Kumitat Konsultattiv dwar konċentrazzjonijiet bejn impriżi għandu jiġi konsultat qabel tittieħed kull deċiżjoni skont l-Artikoli 8(2) sa (5) tar-Regolament. Skont l-Artikolu 19(6) l-imsemmi Kumitat Konsultattiv għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, jekk hemm bżonn billi jittieħed vot.

9 Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissijoni (KE) Nru 447/98 tal-1 ta' Marzu 1998 dwar n-notifiki, perijodi ta' żmien u smiegħ tal-partijiet li hemm provduti fir-Regolament Nru 4064/89 (ĠU L 61, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implementazzjoni"), in-notifika tal-konċentrazzjoni proposta għandha tinkludi l-informazzjoni u d-dokumenti mitluba mill-formola CO annessa ma' l-istess regolament.

10 L-Artikolu 13(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni jipprevedi b'mod partikolari li l-Kummissjoni għandha tindirizza l-oġġezzjonijiet tagħha bil-miktub lill-partijiet li qed jinnotifikaw, b'indikazzjoni tat-terminu li fih huma jistgħu jinfurmawha bl-opinjoni tagħhom bil-miktub.

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

11 Il-fatti li wasslu għall-kawża kienu ġew esposti mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 1 sa 11 tas-sentenza appellata fil-mod segwenti:

"1 L-Independent Music Publishers and Labels Association (Impala) hija assoċjazzjoni internazzjonali regolata mil-liġi Belġjana li tiġbor fiha 2 500 kumpannija indipendenti tal-produzzjoni tal-mużika.

2 Fid-9 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni rċeviet notifika, skont [ir-Regolament] ta' [proposta] ta' konċentrazzjoni li permezz t[agħha] l-kumpanniji Bertelsmann [...] u Sony [...] ipprospettaw li jgħaqqdu l-attivitajiet mondjali tagħhom fil-qasam tal-mużika rreġistrata.

3 Bertelsmann hija kumpannija tal-medja internazzjonali [...] attiva fil-qasam tal-mużika rreġistrata permezz tal-kumpannija sussidjarja tagħha kompletament ikkontrollata minnha, Bertelsmann Music Group (BMG) [...].

4 [...] Fis-settur tal-mużika rreġistrata, [Sony] taġixxi permezz ta' Sony Music Entertainment. [...]

5 L-operazzjoni proposta tikkonsisti fl-integrazzjoni tal-attivitajiet mondjali fil-qasam tal-mużika rreġistrata tal-partijiet fil-konċentrazzjoni (b'eċċezzjoni tal-attivitajiet ta' Sony fil-Ġappun) fi tliet kumpanniji ġodda, jew iktar, ifformati skont "Business Contribution Agreement" (ftehim ta' integrazzjoni tan-negozju) tal-11 ta' Diċembru 2003. Huwa maħsub li dawn l-impriżi jkunu operati flimkien taħt l-isem ta' Sony BMG.

6 Skont il-ftehim, Sony BMG għandha tkun attiva fl-iskoperta u l-iżvilupp ta' artisti [attività ta' maniġment ta' artisti msejħa A & amp; R (Artist u Repertorju)] u fil-kummerċjalizzazzjoni u fil-bejgħ ta' diski li jirriżultaw minn din l-attività. Sony BMG mhijiex se tkun involuta f'attivitajiet relatati bħalma huma l-pubblikazzjoni tal-mużika, il-manifattura u d-distribuzzjoni.

7 Fl-20 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lil numru ta' persuni attivi fis-suq. [Impala] rrispondiet dan il-kwestjonarju u ppreżentat osservazzjonijiet separati fit-28 ta' Jannar 2004 [...], li fih hija spjegat ir-raġunijiet għaliex, skontha, il-Kummissjoni kellha tiddikjara l-operazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni. [Impala] esprimiet il-preokkupazzjonijiet tagħha dwar konċentrazzjoni

ulterjuri fis-suq u l-impatt li din ikollha fuq l-aċċess għas-suq, inkluż is-settur tad-distribuzzjoni, il-medja, l-internet u l-għażla tal-konsumatur.

8 B'deċiżjoni tat-12 ta' Frar 2004, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjoni nnotifikata kienet toħloq dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni u l-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u bdiet proċedimenti [formali].

9 Fl-24 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lill-partijiet fil-konċentrazzjoni, li fiha kkonkludiet provviżorjament li l-operazzjoni nnotifikata kienet inkompatibbli mas-suq komuni u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, billi hija ssaħħaħ pożizzjoni dominanti kollettiva fis-suq tal-mużika rreġistrata u fis-suq bl-ingrossa tal-liċenzji għall-mużika online u billi hija tikkoordina l-imġiba tal-kumpanniji parent b'mod inkompatibbli mal-Artikolu 81 KE.

10 Il-partijiet fil-konċentrazzjoni rrispondew għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u saret seduta quddiem l-Uffiċjal tas-Smigħ fl-14 u fil-15 ta' Ġunju 2004, fil-preżenza, fost l-oħrajn, ta' [Impala].

11 B[id-Deċiżjoni kkontestata] il-Kummissjoni ddikjarat il-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament [...]"

**Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata**

12 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-3 ta' Diċembru 2004, Impala ressqet rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata. In sostenn ta' dan ir-rikors, Impala ressqet ħames motivi, maqsuma f'diversi partijiet.

13 Fuq l-ewwel motiv tar-rikors, dwar it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kollettiva preeżistenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li fformulat minn qabel ċerti osservazzjonijiet dwar il-kunċett ta' "pożizzjoni dominanti kollettiva", eżaminat l-argument li, essenzjalment, id-Deċiżjoni kkontestata ma kinitx tispjega suffiċjentement skont il-liġi r-raġunijiet li għalihom l-iskontijiet, b'mod partikolari dawk promozzjonali, jostakolaw it-trasparenza meħtieġa biex tippermetti l-iżvilupp ta' tali pożizzjoni.

14 Wara li wasslet għall-konkolużjoni li tinsab fil-punt 325 tas-sentenza appellata, li, essenzjalment, id-Deċiżjoni kkontestata kellha tiġi annullata minħabba motivazzjoni insuffiċjenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza mandankollu eżaminat, sussidjarjament, fil-punti 327 sa 458 ta' din is-sentenza, l-argumenti ta' Impala li l-elementi mressqa mill-Kummissjoni sabiex turi l-insuffiċjenza ta' trasparenza tas-swieq ikkonċernati tal-mużika rreġistrata kienu vvizzjati bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

15 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat b'mod partikolari, fil-punt 373 tas-sentenza appellata, li kemm mid-Deċiżjoni kkontestata kif ukoll mill-argument żviluppat mill-Kummissjoni quddiemha jirriżulta li l-uniku element ta' opaċità tas-suq allegat jirriżulta minn inqas trasparenza tal-iskontijiet promozzjonali. Hija ddeċidiet, fil-punti 377 u 378 tas-sentenza appellata, li, minn naħa, il-provi, hekk kif huma msemmija fid-Deċiżjoni kkontestata, ma jippermettux li jiġu sostnuti l-konklużjonijiet misluta minnhom mill-Kummissjoni u li, min-naħa l-oħra, dawn il-konklużjonijiet huma wkoll differenti ħafna mill-konstatazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

16 Fil-punti 475 u 476 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreżentat il-konklużjonijiet tagħha fuq l-ewwel motiv imqajjem quddiemha bil-mod segwenti:

"475 [...] l-asserzjoni li s-swieq tal-mużika rreġistrata mhumiex suffiċjentement trasparenti sabiex jippermettu pożizzjoni dominanti kollettiva mhijiex immotivata suffiċjentement skont il-liġi u hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni inkwantu l-elementi li fuqhom hija bbażata huma inkompleti

u ma jinkludux l-informazzjoni kollha rilevanti li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, u ma jistgħux isostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom. Billi din l-asserzjoni tikkostitwixxi [...] motiv essenzjali li abbażi tiegħu l-Kummissjoni kkonkludiet [...] li ma kienx hemm pożizzjoni dominanti kollettiva, id-Deċiżjoni [kkontestata] għandha tiġi annullata fuq dan il-motiv waħdu.

476 Bl-istess mod, billi l-analiżi relattiva għall-mezzi ta' ritaljazzjoni hija vvizzjata bi żball ta' liġi jew, għall-inqas, bi żball manifest ta' evalwazzjoni, u billi din l-analiżi tikkostitwixxi l-motiv essenzjali l-ieħor li abbażi tiegħu l-Kummissjoni kkonkludiet, fid-Deċiżjoni [kkontestata], li ma kienx hemm pożizzjoni dominanti kollettiva, dan id-difett jiġġustifika wkoll l-annullament tad-Deċiżjoni [kkontestata]."

17 Permezz tat-tieni motiv tagħha mqajjem quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, Impala sostniet li, billi ma qisitx li l-konċentrazzjoni proposta kienet toħloq pożizzjoni dominanti fis-suq tal-mużika rreġistrata, il-Kummissjoni kienet kisret l-Artikolu 253 KE u wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni kif ukoll żball ta' liġi.

18 Fil-punt 527 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza rriproduċiet l-analiżi tar-riskju ta' ħolqien ta' pożizzjoni dominanti kollettiva li tinsab fid-Deċiżjoni kkontestata, qabel ma għamlet, fil-punt 528 tal-imsemmija sentenza, il-kunsiderazzjonijiet segwenti:

"[...] dawn il-ftit osservazzjonijiet, li huma daqshekk superfiċjali, tabilħaqq purament formali, ma jistgħux jissodisfaw l-obbligu li għandha l-Kummissjoni li twettaq analiżi prospettiva [...] u dan b'mod partikolari fejn, bħal f'dan il-każ, il-konċentrazzjoni tqajjem diffikultajiet serji. Indipendentement mill-evalwazzjoni ta' l-ewwel motiv magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, jirriżulta tabilħaqq kemm mill-fatt li l-Kummissjoni kellha twettaq diskussjoni dettaljata fid-Deċiżjoni [kkontestata] sabiex ikkonkludiet li ma kienx hemm pożizzjoni dominanti kollettiva qabel il-konċentrazzjoni kif ukoll mill-fatt li hija kienet ikkonkludiet fid-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet, wara investigazzjoni li damet ħames xhur, li tali pożizzjoni kienet teżisti qabel il-konċentrazzjoni, li l-kwistjoni jekk l-għaqda bejn tnejn mill-ħames kumpanniji prinċipali [kumpanniji kbar tad-diski, iktar 'il quddiem il-"majors"]

tipperikolax li toħloq pożizzjoni dominanti kollettiva tqajjem, a fortiori, diffikultajiet serji li jeħtieġu eżami dettaljat. Billi dan l-eżami ma twettaqx, isegwi li, anki għal din ir-raġuni biss, it-tieni motiv huwa fondat."

19 Sussidjarjament, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punt 539 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma setgħetx, mingħajr ma tagħmel żball, tibbaża ruħha fuq in-nuqqas ta' provi li fil-passat kienu ttieħdu miżuri ta' ritaljazzjoni sabiex tikkonkludi li ma kienx hemm riskju li l-konċentrazzjoni twassal għall-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti kollettiva.

20 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li l-ewwel u t-tieni motivi invokati quddiemha kienu fondati u annullat id-Deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma eżaminat it-tielet sal-ħames motivi mqajma quddiemha.

**It-talbiet tal-partijiet**

21 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu lil Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiċħad ir-rikors ta' Impala għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata, jew, alternattivament, tirrinvija l-kawża lura lill-Qorti tal-Prim'Istanza għal rikunsiderazzjoni; u

— tikkundanna lil Impala għall-ispejjeż tal-proċeduri preżenti.

22 Permezz tas-seba' aggravji ta' dan l-appell, li xi wħud minnhom jinqasmu f'diversi partijiet, l-appellanti jqajjmu, rispettivament, żbalji ta' liġi f'dak illi, fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza:

— ibbażat ruħha fuq id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex tevalwa l-kontenut tad-Deċiżjoni kkontestata;

— kienet irrikjediet lill-Kummissjoni tagħmel investigazzjonijiet ġodda tas-suq wara r-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet;

— kienet applikat rekwiżiti ta' prova eċċessivi u żbaljati fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni ta' konċentrazzjoni;

— kienet eċċediet il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija għandha;

— kienet interpretat ħażin il-kriterji ġuridiċi rilevanti applikabbli fil-qasam ta' ħolqien jew ta' tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kollettiva;

— kienet applikat rekwiżit żbaljat fir-rigward tal-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet li japprovaw konċentrazzjoni, u

— ibbażat ruħha fuq provi li ma kinux ġew żvelati lill-partijiet fil-konċentrazzjoni.

23 Sony BMG Music Entertainment tadotta b'mod sħiħ kemm l-appell kif ukoll it-talbiet tal-appellanti.

24 It-talbiet tal-Kummissjoni huma, fis-sustanza, l-istess bħal dawk tal-appellanti. Il-Kummissjoni ssostni l-ewwel, it-tieni u r-raba' aggravju kif ukoll l-ewwel parti tat-tielet aggravju.

25 Impala titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż. L-ewwel nett, hija teċepixxi li l-appell huwa kollu kemm hu jew inparti inammissibbli. Barra minn hekk, skont Impala, l-appell ma jistax f'kull każ iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata, peress illi l-appellanti naqsu milli jikkontestaw il-punt 528 tas-sentenza appellata, li, fih innifsu, huwa biżżejjed biex jiġġustifika l-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

26 L-appellanti kif ukoll il-Kummissjoni jitolbu li kemm l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà kif ukoll l-argument dwar il-punt 528 tas-sentenza appellata, li huwa miġbur fil-qosor fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, jiġu miċħuda.

27 Fl-aħħar tar-risposta tagħha, il-Kummissjoni għamlet "osservazzjonijet supplimentari dwar il-'motivi essenzjali' tad-Deċiżjoni" kkontestata. Dawn l-osservazzjonijiet huma kkontestati minn Impala, billi tinvoka l-Artikolu 117(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-imsemmija osservazzjonijiet huma sostnuti mill-appellanti.

## Fuq l-appell

*Fuq l-ammissibbiltà*

Fuq l-eċċezzjoni ġenerali ta' inammissibbiltà

28 Impala teċepixxi, l-ewwel nett, l-inammissibbiltà tal-appell inkwantu dan jikkostitwixxi tentattiv li jiġu eżaminati mill-ġdid kwistjonijiet ta' fatt, dwar l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata u żball manifest ta' evalwazzjoni li jivvizjaha, li kienu ġew riżolti mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Fil-fatt, fil-biċċa l-kbira, l-appell huwa intiż sabiex jiġu eżaminati mill-ġdid kwistjonijiet ta' fatt, li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Impala ssostni, barra minn hekk, f'dan ir-rigward, li l-kwistjoni dwar jekk deċiżjoni hijiex suffiċjentement immotivata hija kwistjoni ta' fatt. Fl-aħħar nett, hija żżid li r-risposti individwali tagħha għall-aggravji mqajma mill-appellanti għandhom jiġu mifthema bħala li huma ta' natura sussidjara.

29 F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li jirriżulta mill-Artikoli 225 KE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-appell huwa limitat għall-kwistjonijiet ta' dritt. Il-Qorti tal-Prim'Istanza hija għaldaqstant l-unika li għandha ġurisdizzjoni, minn naħa, li tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-osservazzjonijiet tagħha tirriżulta minn dokumenti tal-inkartament li ġew ippreżentati quddiemha, u, min-naħa l-oħra, li tevalwa dawn il-fatti. Ladarba l-Qorti tal-Prim'Istanza tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li teżerċita, skont l-Artikolu 225 KE, stħarriġ fuq l-applikazzjoni tal-liġi għal dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li waslet għalihom il-Qorti tal-Prim'Istanza. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex ġurisdizzjoni tikkonstata l-fatti u lanqas, bħala regola, li teżamina l-provi li l-Qorti tal-Prim'Istanza qieset insostenn ta' dawn il-fatti. Fil-fatt, ladarba dawn il-provi nkisbu b'mod regolari, u l-prinċipji ġenerali tal-liġi u r-regoli ta' proċedura applikabbli fir-rigward tal-oneru u tal-produzzjoni tal-prova ġew osservati, hija biss il-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-elementi li jkunu tressqu quddiemha. Din l-evalwazzjoni għaldaqstant ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ tal-iżnaturament ta' dawn l-elementi, kwistjoni ta' dritt imressqa, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, Ġabra p. I-8417,

punti 23 u 24; tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni, C-551/03 P, Ġabra p. I-3173, punti 51 u 52, kif ukoll tal-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-328/05 P, Ġabra p. I-3921, punt 41).

30 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kwistjoni tal-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tikkostitwixxi kwistjoni ta' dritt li hija suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell, peress li l-istħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni li jsir f'dan il-kuntest għandu neċessarjament jikkunsidra l-fatti li fuqhom il-Qorti tal-Prim'Istanza tkun ibbażat ruħha sabiex tasal għall-konklużjoni jekk il-motivazzjoni kinitx suffiċjenti jew insuffiċjenti (ara s-sentenzi tal-20 ta' Novembru 1997, Il-Kummissjoni vs V, C-188/96 P, Ġabra p. I-6561, punt 24, kif ukoll tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 453).

31 F'dak li jikkonċerna din il-kawża, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 22 ta' din is-sentenza, u kuntrarjament għal dak li ssostni Impala, permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti m'għandhomx l-intenzjoni jikkontestaw l-evalwazzjonijiet fattwali li għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza bħala tali. Għall-kuntrarju, fil-biċċa l-kbira huma jqajmu kwistjonijiet ta' dritt li jistgħu legalment ikunu s-suġġett ta' appell. Għandha għaldaqstant tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ġenerali ta' inammissibbiltà imqajma minn Impala. Dan għaliex, inkwantu Impala teċepixxi b'mod iktar preċiż l-inammissibbiltà ta' ċertu partijiet speċifiċi tal-appell, hemm lok li dawn l-eċċezzjonijiet jiġu indirizzati fil-kuntest tal-eżami tal-aggravji kkonċernati.

Fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq il-fatt li l-appellanti naqsu milli jikkontestaw silta deċiżiva tas-sentenza appellata

32 Impala ssostni li, f'kull każ, fil-punt 528 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet analiżi prospettiva tal-punt dwar jekk il-konċentrazzjoni inkwistjoni kinitx toħloq pożizzjoni dominanti kollettiva u ddeċidiet għal dan il-motiv biss li t-tieni motiv invokat minn Impala kien fondat, fatt li, fih innifsu, ikun biżżejjed sabiex id-Deċiżjoni kkontestata tkun annullata. Konsegwentement, skont Impala, anki jekk l-appellanti jirnexxilhom f'wieħed

jew iktar mill-aggravji tagħhom, l-appell għandu f'kull każ ikun miċħud minħabba li dawn ma jikkontestawx il-konstatazzjoni li ebda analażi prospettiva ma kienet saret.

33 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, fil-parti introduttiva tal-appell, isir espressament riferiment, fil-lista ta' siltiet speċifikament ikkritikati tas-sentenza appellata, għall-punt 528 ta' din is-sentenza kif ukoll għall-punti 533, 539 u 541 ta' din is-sentenza, li wkoll jindirizzaw il-kwistjoni tal-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti kollettva.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax validament jiġi sostnut illi l-appell huwa limitat għall-iżviluppi magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza dwar it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kollettiva eżistenti b'mod li dan għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu bħala inammissibbli.

*Fuq il-mertu*

35 Is-seba' aggravji invokati mill-appellanti jikkoinċidu f'diversi aspetti. Essenzjalment, l-ewwel u r-raba' aggravji kif ukoll is-seba' wieħed jikkonċernaw il-mod ta' stħarriġ eżerċitat mill-Qorti tal-Prim'Istanza, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' prova. Il-ħames aggravju jikkonċerna l-kunċett ta' pożizzjoni dominanti kollettiva. Is-sitt aggravju jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

36 Jeħtieġ li nibdew l-eżami tal-mertu ta' dan l-appell billi nikkunsidraw l-aggravji li jikkonċernaw il-mod li bih il-Qorti tal-Prim'Istanza ttrattat il-provi u, fl-ewwel lok, billi nikkunsidraw it-tieni parti tat-tielet aggravju.

Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravju, ibbażata fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat rekwiżiti ta' prova eċċessivi fir-rigward ta' deċiżjonijiet li japprovaw konċentrazzjoni

— Is-sentenza appellata

37 Jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 289, 366 u 459 tas-sentenza appellata li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat jekk l-elementi li jservu ta' bażi għad-Deċiżjoni kkontestata kienux tali li jiġġustifikaw l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab f'din id-deċiżjoni li abbażi tagħhom is-swieq inkwistjoni kienu suffiċjentement trasparenti sabiex jippermettu pożizzjoni dominanti kollettiva.

— L-argumenti tal-partijiet

38 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jsostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi billi applikat rekwiżiti ta' prova żbaljati u eċessivi fir-rigward ta' deċiżjonijiet li japprovaw konċentrazzjoni. Fil-kuntest tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat ħażin ir-rekwiżiti ta' prova applikabbli għal tali deċiżjonijiet.

39 Skont l-appellanti, peress illi hija l-Kummissjoni li għandha ssostni deċiżjoni li tipprojbixxi konċentrazzjoni, jekk hija ma setgħetx tiġbor provi li jissodisfaw ir-rekwiżit għoli impost mill-qrati Komunitarji sabiex tiġġustifika tali projbizzjoni, b'mod partikolari meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq l-argument ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, hija għandha tapprova l-konċentrazzjoni proposta. Fil-fatt, jirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 10(6) tar-Regolament li, jekk il-Kummissjoni ma tistax turi dannu għall-kompetizzjoni abbażi ta' provi konvinċenti, l-iskema tar-Regolament jimponilha tapprova din il-konċentrazzjoni.

40 Fuq kollox, l-appellanti jsostnu f'dan ir-rigward li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi billi ma ammettietx li l-Kummissjoni għandha tikkonforma ruħha ma' rekwiżiti ta' prova iktar għoljin fil-każ ta' projbizzjoni ta' konċentrazzjoni milli fil-każ ta' approvazzjoni ta' tali konċentrazzjoni, peress illi l-projbizzjoni tikkostitwixxi ostakolu serju għal-libertà kummerċjali tal-partijiet li qed jinnotifikaw u peress illi l-konċentrazzjonijiet għandhom jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' kompatibbiltà mas-suq komuni. Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni għandha tipprova l-fondatezza ta' deċiżjoni li tipprojbixxi konċentrazzjoni b'mod konformi ma' kriterju iktar strett minn dak ibbażat fuq is-sempliċi bbilanċjar ta' probabbiltajiet u li, għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tkun suġġetta għall-istess obbligu fir-rigward ta' provi għal deċiżjoni li tapprova konċentrazzjoni u għal deċiżjoni li tipprojbixxi tali konċentrazzjoni. Fil-fatt, taħt rekwiżit iktar strett mis-sempliċi bbilanċjar ta' probabilitajiet, il-Kummissjoni tkun fir-realtà obbligata tressaq biss il-prova tal-fondatezza ta' deċiżjoni li tipprojbixxi konċentrazzjoni. Skont l-appellanti, in-nuqqas li jiġi ammess tali rekwiżit ta' prova "asimetriku" jidħol fl-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza tad-Deċiżjoni kkontestata u tal-provi li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha.

41 L-appellanti jsostnu, barra minn hekk, li l-Qorti tal-Prim'Istanza konsegwentement wettqet żball ta' liġi billi talbet lill-Kummissjoni tipprova n-nuqqas ta' trasparenza tas-suq tal-mużika rreġistrata filwaqt illi hija kien imissha eżaminat jekk, fid-data tad-Deċiżjoni kkonestata, kienx hemm provi suffiċjenti li jippermettu li tiġi stabbilita b'mod suffiċjenti skont il-liġi, l-eżistenza tal-imsemmija trasparenza. Dan l-iżball jivvizja s-sentenza appellata kollha, u b'mod partikolari, f'diversi aspetti deskritti fid-dettall fil-parti introduttiva tal-appell, il-punti 381 sa 387, 389, 420, 428, 429 kif ukoll 433 tagħha.

42 Skont Impala, li jiġi segwit l-argument żviluppat mill-appellanti insosntenn tat-tieni parti tat-tielet aggravju u li tiġi rikonoxxuta l-eżistenza ta' preżunzjoni favur l-approvazzjoni ta' konċentrazzjonijiet jista' jwassal għal riperkussjonijiet serji fuq is-sistema ta' kontroll ta' dawn il-konċentrazzjonijiet, bħar-riskju ta' abbuż tas-sistema. L-imsemmi argument jinjora l-ekwilibriju delikat maħluq mil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-interessi privati u l-interessi pubbliċi u l-"obbligu doppju simetriku" għall-Kummissjoni li tipprojbixxi l-konċentrazzjonijiet li huma inkompatibbli mas-suq komuni u li tapprova dawk li huma kompatibbli miegħu. Ir-rekwiżiti ta' prova meħtieġa f'dan ir-rigward jikkorrisponu għall-ibbilanċjar tal-probabbiltajiet u hija l-Kummissjoni li għanhda turi dak

li hija l-iktar probabbli. Barra minn hekk, Impala ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet, minn naħa, li l-Kummissjoni kienet sabet numru ta' provi konvinċenti li juru l-eżistenza tat-trasparenza tas-swieq ikkonċernati, iżda li din madankollu finalment qieset li din it-trasparenza kienet insuffiċjenti, billi bbażat ruħha fuq l-eżistenza ta' skontijiet promozjonali "inqas trasparenti". Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat ukoll li l-provi meqjusa li jistabbilixxu din l-insuffiċjenza ta' trasparenza ma jikkoroborawhiex

43 Impala tikkunsidra barra minn hekk li, permezz tal-argumenti msemmija fil-punt 41 ta' din is-sentenza, l-appellanti jidhru li qed jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja tmur lura fuq l-evalwazzjonijiet ta' fatt mwettqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

44 Qabel kollox, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-ksur allegat tar-regoli applikabbli fil-qasam ta' prova jikkostitwixxi kwistjoni ta' dritt ammissibbli fl-appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Lulju 1999, Hüls vs Il-Kummissjoni, C-199/92 P, Ġabra p. I-4287, punt 65, kif ukoll tal-25 ta' Jannar 2007, Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni, C-403/04 P u C-405/04 P, Ġabra p. I-729, punt 40). Għaldaqstant, safejn Impala, fil-kuntest tal-eċċezzjoni ġenerali ta' inammissibbiltà tagħha, teċepixxi speċifikament l-inammissibbiltà tat-tielet aggravju fl-intier tiegħu, dan l-argument ma jistax jiġi milqugħ.

45 Fuq il-mertu, kif tirrileva Impala, it-tieni parti tat-tielet aggravju hija ċċentrata fuq l-argument li r-rekwiżiti fir-rigward ta' prova huma differenti skont jekk hijiex deċiżjoni li tapprova konċentrazzjoni jew deċiżjoni li tipprojbixxi tali konċentrazzjoni. F'dan ir-rigward, mhuxiex ikkontestat mill-partijiet li, fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat l-istess rekwiżiti ta' prova fir-rigward tad-Deċiżjoni kkontestata, li tikkostitwixxi deċiżjoni li tapprova konċentrazzjoni, bħal dawk li kienet applikat għal deċiżjoni li tipprojbixxi tali konċentrazzjoni.

46 F'dan ir-rigward, qabel kollox għandu jiġi mfakkar li ma jirriżultax mill-kliem tal-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolamenti li dan jimponi rekwiżiti ta' prova differenti fir-rigward ta' deċiżjonijiet li japprovaw konċentrazzjoni, minn naħa, u ta' deċiżjonijiet li jipprojbixxu tali konċentrazzjoni, min-naħa l-oħra.

47 Għaldqstant, kif il-Qorti tal-Gustizzja essenzjalment diġà ddeċidiet, l-analiżi prospettiva neċessarja fir-rigward ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, li tikkonsisti f'eżami ta' kif konċentrazzjoni tista' tbiddel il-fatturi li jiddeterminaw l-istat tal-kompetizzjoni f'suq partikolari sabiex jiġi stabbilit jekk din tistax tirriżulta fi tfixkil sinjifikattiv ta' kompetizzjoni effettiva, teżiġi li jiġu mbassra diversi xejriet ta' kawża u effett bil-għan li jiġi stabbilit liema minnhom huma l-iktar probabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03 P, Ġabra p. I-987, punt 43).

48 Kuntrarjament għal dak li jsostnu l-appellanti, ma tistax għaldaqstant tiġi dedotta mir-Regolament preżunzjoni ġenerali ta' kompatibbiltà jew ta' inkompatibbiltà ta' konċentrazzjoni nnotifikata mas-suq komuni.

49 Din l-interpretazzjoni tar-Regolament mhijiex invalidata bl-Artikolu 10(6) tiegħu, li jipprovdi li konċentrazzjoni nnotifikata tiqies li hija kompatibbli mas-suq komuni meta l-Kummissjoni ma tadottatx fit-terminu previst deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' din il-konċentrazzjoni. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni hija espressjoni speċifika tal-ħtieġa ta' ħeffa li tikkaratterizza l-iskema ġenerali tar-Regolamenti u li timponi fuq il-Kummissjoni l-osservanza tat-termini stretti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, C-202/06 P, Ġabra p. I-12129, punt 39). L-imsemmija dispożizzjoni tikkostitwixxi madankollu eċċezzjoni għall-iskema ġenerali tar-Regolament, li tirriżulta b'mod partikolari mill-Artikoli 6(1) u 8(1) tiegħu, li abbażi tagħhom il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi espressament fuq il-konċentrazzjonijiet nnotifikati lilha.

50 Barra minn hekk, huwa ċertament veru li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà

ta' konċentrazzjonijiet mas-suq komuni għandhom ikunu sostnuti minn elementi suffiċjentement sinjifikattivi u konkordanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Marzu 1998, Franza *et* vs Il-Kummissjoni, magħrufa bħala "Kali & Salz", C-68/94 u C-30/95, Ġabra p. I-1375, punt 228) u li, fil-kuntest tal-analiżi ta' konċentrazzjoni tat-tip "konglomerat" il-kwalità tal-provi prodotti mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi li huwa neċessarju li tiġi adottata deċiżjoni li tiddikjara din il-konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni hija ta' importanza partikolari (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44).

51 Madankollu, minn dan ma jistax jiġi dedott li l-Kummissjoni għandha tikkonforma ruħha, b'mod partikolari meta din tal-aħħar tibbaża ruħha fuq teorija ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, ma' rekwiżiti ta' prova iktar għolja fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jipprojbixxu konċentrazzjoni milli fir-rigward ta' deċiżjonijiet li japprovaw tali konċentrazzjonijiet. Fil-fatt, din il-ġurisprudenza tirrifletti sempliċiment il-funzjoni essenzjali tal-prova, li hija li tistabbilixxi b'mod konvinċenti l-merti ta' argument, jew bħal fil-każ ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, li ssostni l-evalwazzjonijiet li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, iċċitata iktar 'il fuq, punti 41 u 44). Barra minn hekk, il-fatt li tqum jew le kwistjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva ma jistax, fih nnifisu, ikollu effett fuq ir-rekwiżiti ta' prova applikabbli. F'dan ir-rigward, il-kumplessità intrinsika ta' teorija ta' ostakolu għall-kompetizzjoni mressqa firrigward ta' konċentrazzjoni nnotifikata tikkostitwixxi element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-plawżibbiltà tad-diversi konsegwenzi ta' din il-konċentrazzjoni, sabiex tiġi identifikata dik li hija l-iktar probabbli, iżda tali kumplessità, m'għandiex, fiha nnifsha, influwenza fuq il-livell ta' prova meħtieġ.

52 Minn dan li jippreċedi jirriżulta li, meta titressaq quddiemha konċentrazzjoni skont ir-Regolament, il-Kummissjoni hija, fil-prinċipju, obbligata tieħu pożizzjoni jew fissens tal-approvazzjoni ta' din il-konċentrazzjoni, jew f'dak tal-projbizzjoni tagħha, skont l-evalwazzjoni tal-iżvilupp ekonomiku attribwibbli lill-konċentrazzjoni inkwistjoni li huwa l-iktar probabbli.

53 Minn dan jirriżulta li huwa żbaljat li l-appellanti jikkunsidraw li, peresss illi kienet deċiżjoni li tapprova konċentrazzjoni li kienet inkwistjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kien imissha eżaminat biss jekk il-Kummissjoni setgħetx, billi applikat rekwiżiti ta' prova partikolarment għoljin, tipprojbixxi l-konċentrazzjoni inkwistjoni.

Għaldaqstant, mingħajr mhemm bżonn li tittieħed pożizzjoni fuq l-ammissibbiltà tal-kritiki speċifiċi fir-rigward tal-punti tas-sentenza appellata mniżżla fil-punt 41 ta' din is-sentenza, għandu jiġi konkluż li peress illi l-premessa li fuha huma bbażati dawn il-kritiki mhijiex fondata, dawn ma jistgħux f'kull każ jiġu milqugħa.

54 Fid-dawl ta' dan li jippreċedi, hemm lok li t-tieni parti tat-tielet aggravju tiġi miċħuda.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex tevalwa l-kontenut tad-Deċiżjoni kkontestata

— Is-sentenza appellata

55 F'diversi siltiet tas-sentenza appellata, b'mod partikolari fil-punti 379, 424 u 446 tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex issejjes ir-raġunament tagħha, kemm f'dak li jikkonċerna l-motiv ibbażat fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata kif ukoll f'dak li jikkonċerna dak ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li jivvizjaw din id-deċiżjoni.

56 Fil-kuntest tal-eżami tal-motiv ibbażat fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Qorti tal-Prim'istanza b'mod partikolari osservat is-segwenti:

"282 Il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha, l-ewwel nett, teżamina l-impatt taċ-ċirkustanza, enfasizzata mi[Impala], li, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet b'mod enfatiku li l-konċentrazzjoni kienet inkompatibbli mas-suq komuni għar-raġuni li, b'mod partikolari, kienet teżisti pożizzjoni dominanti kollettiva preċedentement għall-konċentrazzjoni proposta u li s-suq tal-mużika rreġistrata kien trasparenti ħafna u partikolarment adattat għall-koordinazzjoni.

283 Dan il-bidla fundamentali fil-pożizzjoni tal-Kummissjoni tista' tabilħaqq tidher sorprendenti, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li seħħet fi stadju tardiv. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-proċess u mit-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, waqt il-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni kollha li kienet irċeviet, matul il-ħames xhur ta' investigazzjoni, kemm mid-diversi operaturi fis-suq kif ukoll mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, qieset li s-suq kien trasparenti biżżejjed biex jippermetti kollużjoni taċita fuq il-prezzijiet u li kien biss wara li tressqu l-argumenti mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, assistiti mill-konsulent ekonomiku tagħhom, waqt is-seduta ta['l-14] u [15] ta' Ġunju 2004, li, mingħajr m'għamlet investigazzjonijiet ġodda dwar is-suq, hija adottat il-pożizzjoni opposta u, fl-1 ta' Lulju 2004, bagħtet l-abbozz ta' deċiżjoni lill-Kumitat Konsultattiv.

284 Madankollu, kif issostni ġustament il-Kummissjoni, jirriżulta mill-ġurisprudenza (sentenza [tas-17 ta' Novembru 1987], [British American Tobacco] u Reynolds [Industries] vs Il-Kummissjoni, [142/84 u 156/84, Rec. p. 4487]) li, meta l-Kummissjoni tiċħad applikazzjoni taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, L-Ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli {81} u {82} tat-Trattat (ĠU 1962, 13, p. 204), huwa biżżejjed li tagħti r-raġunijiet għaliex hija ma qisitx li kien possibbli li tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, iżda la hija obbligata li tispjega eventwali differenzi b'relazzjoni għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li tikkostitwixxi dokument preparatorju li jikkontjeni evalwazzjonijiet li huma ta' purament natura provviżorja u intiżi biex jiddefinixxu l-portata tal-proċedura amministrattiva fil-konfront ta' impriżi li huma s-suġġett ta' din il-proċedura, u lanqas li tiddiskuti l-punti kollha ta' fatt u ta' dritt ittrattati waqt il-proċedura amministrattiva. Fis-sentenza tagħha [tas-7 ta' Jannar 2004,] Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni [, C 204/00 P, C 205/00 P, C 211/00 P, C 213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123], il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għan-natura provviżorja ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u għall-obbligu tal-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi li jirriżultaw mill-proċedura amministrattiva, sabiex, b'mod partikolari, twaqqa' l-oġġezzjonijiet li setgħu rriżultaw infondati.

285 Għandu, bla dubju, jiġi osservat li din il-ġurisprudenza ġiet żviluppata fir-rigward ta' proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE u mhux fil-qasam speċifiku tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet, fejn l-osservanza tat-termini mandatorji li jirregolaw l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kummissjoni

ma tippermettilhiex ittawwal l-investigazzjoni tagħha, ħaġa li tagħmilha anqas u anqas probabbli li l-Kummissjoni tbiddel fundamentalment il-pożizzjoni tagħha iktar ma tavanza l-proċedura amministrattiva. Fl-osservazzjonijiet finali tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li l-miżuri investigattivi mwettqa sussegwentement għas-seduta kienu jikkonsistu essenzjalment f'konsultazzjonijiet mal-operaturi tas-suq fir-rigward tal-obbligi proposti u ma kinux jikkonċernaw l-ilmenti magħmula kontra l-konċentrazzjoni nnotifikata. Madankollu, jibqa' l-fatt li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tikkostitwixxi biss att preparatorju u li d-deċiżjoni finali għandha tkun immotivata biss fuq iċ-ċirkustanzi u l-elementi kollha li huma rilevanti sabiex jiġu evalwati l-effetti tal-konċentrazzjoni proposta fuq il-kompetizzjoni fis-swieq ta' riferiment. Minn dan isegwi li l-fatt biss li l-Kummissjoni ma spjegatx fil-korp tad-deċiżjoni tagħha l-bidla fil-pożizzjoni tagħha b'relazzjoni għal dik li tinsab fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma jistax, bħala tali, jikkostitwixxi nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni."

— L-argumenti tal-partijiet

57 L-appellanti jsosntu li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi billi użat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bħala punt ta' riferiment sabiex tevalwa l-mertu tad-Deċiżjoni kkontestata, bi ksur tad-drittijiet tad-difiża.

58 F'tali ċirkustanzi l-appellanti jikkunsidraw li l-paragun imwettaq mill-Qorti tal-Prim'Istanza bejn id-Deċiżjoni kkontestata u l-konklużjonijiet provviżorji tal-Kummissjoni li jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma jistgħux isostnu l-konklużjonijiet li jinsabu fis-sentenza appellata f'dak li jikkonċerna l-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata u l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fiha. Huma jiċċitaw f'dan ir-rigward il-punti 300, 302 u 308 tas-sentenza appellata f'dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, fir-rigward tal-eżami magħmul mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-argumenti bbażati fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, l-appellanti jikkritikaw fl-appell tagħhom il-punti 338, 339, 341, 362, 378, 379, 398, 402, 409, 419, 424, 446, 447, 451, 456, 467, 491, 532 u 538 tal-imsemmija sentenza.

59 In sostenn tal-appellanti fir-rigward ta' dan l-aggravju, il-Kummissjoni ssostni li, fil-parti l-kbira tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza, kuntrarjament għall-ġurisprudenza ċċitata minnha stess fil-punt 284 ta' din is-sentenza, li għaliha hija "tagħmel biss riferiment purament formali", ma teżaminax id-Deċiżjoni kkontestata fiha nnifisha f'dak li jikkonċerna l-kwistjonijiet dwar jekk din id-deċiżjoni kinitx suffiċjentement immotivata u, f'dak li jirrigwarda l-motiv bbażat fuq żball sostantiv, jekk l-imsemmija deċiżjoni kinix fiha żbalji fattwali jew żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, iżda din tikkonċentra iktar fis-sentenza tagħha fuq il-kwistjoni dwar jekk id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġietx irrilevata li kienet infondata. Għaldaqstant, skont il-Kummissjoni, peress illi ċerti fatti ma kinux issemmew fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet li dawn ma setgħux ikollhom importanza għall-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tal-konċentrazzjoni inġenerali. Barra minn hekk, filwaqt illi l-Kummissjoni ppreċiżat fid-Deċiżjoni kkontestata ċerti konklużjonijiet li kienu fformulati b'mod iktar affermattiv fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha, sabiex tagħmel l-istħarriġ tagħha, fuq l-evalwazzjoni li tinsab l-imsemmija dikjarazzjoni.

60 Impala ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza llimitata ruħha ssemmi estratti tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex tenfasizza l-inkoerenzi intrinsiċi tad-Deċiżjoni kkontestata stess u n-nuqqas ta' fondatezza li hemm wara l-konstatazzjonijiet li huma fformulati fiha. Il-Qorti tal-Prim'Istanza espliċitament irrikonoxxiet li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet hija dokument preparatorju, li l-konstatazzjonijiet li din tinkludi huma purament provviżorji u li l-Kummissjoni m'għandhiex tispjega d-differenzi bejn din id-dikjarazzjoni u d-Deċiżjoni kkontestata.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

61 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dritt għal smigħ xieraq, li jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju li jifforma, b'mod partikolari, parti mid-drittijiet tad-difiża, jeżiġi li l-impriża kkonċernata tkun ingħatat l-opportunità, matul il-proċedura amministrattiva, li tagħti b'mod utli l-opinjoni tagħha fuq ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u ċirkustanzi allegati kif ukoll fuq id-dokumenti meqjusa mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' ksur tat-Trattat KE (ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 1974, Transocean Marine Paint Association vs Il-Kummissjoni, 17/74, Ġabra p. 1063, punt 15; tas-7 ta' Ġunju 1983 Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 10; Kali & Salz, iċċitata iktar

'il fuq, punt 174, kif ukoll Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 66).

62 Fir-rigward tal-proċeduri għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet rregolati mir-Regolament, dan il-prinċipju huwa stabbilit fit-tieni sentenza tal-Artikolu 18(3) ta' dan tal-aħħar kif ukoll, b'mod iktar preċiż, fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni. Dawn l-aħħar dispożizzjonijiet jeħtieġu b'mod partikolari, essenzjalment, il-komunikazzjoni bil-miktub tal-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni lill-partijiet li qed jinnotifikaw, b'indikazzjoni lil dawn tal-aħħar tat-terminu li fih huma jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom bil-miktub.

63 Jirriżulta b'analoġija mal-ġurisprudenza dwar l-Artikoli 81 KE u 82 KE li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet hija dokument ta' natura proċedurali u preparatorja li, bil-għan li tiżgura l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża, tillimita l-iskop tal-proċedura amministrattiva mibdija mill-Kummissjoni, billi tipprojbixxi lil din tal-aħħar milli tikkunsidra oġġezzjonijiet oħra fid-deċiżjoni tagħha li ttemm il-proċedura kkonċernata (ara, b'mod partikolari, id-digriet tat-18 ta' Ġunju 1986, British American Tobacco u Reynolds Industries vs Il-Kummissjoni, 142/84 u 156/84, Ġabra p. 1899, punti 13 u 14). Huwa għaldaqstant inerenti għan-natura ta' din id-dikjarazzjoni li din tkun provviżorja u li tkun tista' tiġi emendata matul l-evalwazzjoni li l-Kummissjoni tagħmel sussegwentement abbażi tal-osservazzjonijiet li jkunu ġew ippreżentati lilha bħala risposta mill-partijiet kif ukoll abbażi ta' konstatazzjonijiet fattwali oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 62). Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-elementi li jirriżultaw mill-proċedura amministattiva kollha jew sabiex tabbanduna oġġezzjonijiet li jkunu infondati jew sabiex tiżviluppa u tikkompleta kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt l-argument tagħha insostenn tal-oġġezzjonijiet li hija tqis. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bl-ebda mod ma timpedixxi lill-Kummissjoni milli tbiddel il-pożizzjoni tagħha favur l-impriżi kkonċernati (ara d-digriet British American Tobacco u Reynolds Industries vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq, punt 13).

64 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni mhijiex obbligata żżomm l-evalwazzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt magħmula f'dan id-dokument. Għall-kuntrarju, hija għandha timmotiva d-deċiżjoni finali tagħha b'evalwazzjonijiet definittivi bbażati fuq ir-riżultati tal-integralità tal-investigazzjoni tagħha hekk kif ikunu fil-mument tal-għeluq

tal-proċeduri formali (ara, b'analoġija, id-digriet British American Tobacco u Reynolds Industries vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq, punt 15).

65 Barra minn hekk, il-Kummissjoni mhijiex obbligata tispjega d-differenzi eventwali fir-rigward tal-evalwazzjonijiet provviżorji tagħha li jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (ara, f'dan ir-rigward, id-digriet British American Tobacco u Reynolds Industries vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq, punt 15, u s-sentenza British American Tobacco u Reynolds Industries vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 70).

66 Il-fatt li l-Kummissjoni hija suġġetta fil-kuntest tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet, b'differenza għal dak li huwa l-każ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, għal termini proċedurali stretti ma jbiddel xejn minn natura provviżorja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fil-fatt, l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża jimponi li l-argumenti tal-partijiet f'konċentrazzjoni proposta jibbenefikaw, fil-proċeduri għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet, mill-istess teħid inkunsiderazzjoni bħal dak tal-argumenti tal-partijiet ikkonċernati fil-proċeduri mibdija skont l-Artikoli 81 KE jew 82 KE.

67 Huwa veru li, fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza espressament irrikonoxxiet, fil-punti 284 u 285 tas-sentenza appellata, in-natura preparatorja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, inkluż fil-kuntest tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet. Barra minn hekk huwa rikonoxxut li l-Kummissjoni, mhijiex obbligata, skont il-ġurisprudenza dwar l-Artikoli 81 KE u 82 KE, tispjega l-eventwali diverġenzi fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

68 Madankollu, b'rigward għall-argument imressaq mill-appellanti u mill-Kummissjoni, espost fil-punti 58 u 59 ta' din is-sentenza, hemm lok li tiġi eżaminata l-kritika ta' dawn tal-aħħar espressa fir-rigward ta' serje ta' referenzi speċifiċi magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata.

69 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ġurisprudenza li, filwaqt li, fil-kuntest tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet, qasam li fih il-Kummissjoni għandha marġini diskrezzjonali fil-qasam ekonomiku, l-istħarriġ tal-Qorti tal-Prim'Istanza huwa limitat għall-verifika tal-eżattezza materjali tal-fatti u għan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni,

xorta jibqa' l-fatt li n-natura korretta, kompleta u affidabbli tal-fatti li fuqhom hija bbażata deċiżjoni tista' tkun is-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39, kif ukoll tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing, C-525/04 P, Ġabra p. I-9947, punti 56 u 57). Fil-fatt, huwa b'mod partikolari b'dan il-mod li l-qorti Komunitarja tista' tivverifika jekk l-elementi ta' fatt u ta' dritt li fuqhom jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ġewx sodisfatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, Ġabra p. I-5469, punt 14). Minn dan jirriżulta li, minkejja n-natura preparatorja u provviżorja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u minkejja l-fatt li l-Kummissjoni mhijiex obbligata tispjega l-eventwali diverġenzi meta mqabbla mad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tistax neċessarjament tkun ipprojbita milli tuża d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex tipproċedi għall-interpretazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-eżami tal-bażi fattwali tagħha.

70 Għaldaqstant, pereżempju, ir-referenzi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punti 300, 302 u 308 tas-sentenza appellata, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, huma, jekk kif irrilevat l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 165 u 166 tal-konklużjonijiet tagħha, imwettqa b'mod purament illustrattiv, jew sempliċiment għall-kompletezza. L-istess japplika għal ċerti punti tal-imsemmija sentenza ċċitati mill-appellanti li jikkonċernaw l-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-argumenti bbażati fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, jiġifieri l-punti 338, 339, 341, 362, 402, 456, 467, 532 u 538 tas-sentenza appellata, li jservu sempliċiment sabiex juru u sabiex jikkompletaw dak li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet f'kull każ diġà ddeduċiet direttament mid-Deċiżjoni kkontestata.

71 Għandu madankollu jiġi kkonstatat li, fis-sentenza appellata, ċerti referenzi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet juru li l-Qorti tal-Prim'Istanza, minkejja dikjarazzjonijiet tagħha stess dwar in-natura provviżorja ta' din id-dikjarazzjoni, tagħhat natura iktar affidabbli u iktar deċiżiva għal dak li hija kkwalifikat, fil-punt 410 tal-imsemmija sentenza, bħala "konstatazzjonijiet fattwali magħmula preċedentement" fl-imsemmija dikjarazzjoni milli għall-konstatazzjonijiet li jinsabu fid-Deċiżjoni kkontestata stess.

72 Il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha, essenzjalment, f'dan ir-rgiward fuq distinzjoni bejn, minn naħa, tali "konstatazzjonijiet fattwali magħmula preċedentement"

u, min-naħa l-oħra, "evalwazzjonijiet" li jistgħu, skont hija, iktar ikunu leġittimament immodifikati. B'mod partikolari, fil-punt 379 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkwalifikat l-affermazzjoni li tidher fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li abbażi tagħhom "jeżistu provi suffiċjenti li l- [majors] jafu bil-kundizzjonijiet kummerċjali ta' xulxin" bħala li hija mhux "tant evalwazzjoni tal-Kummissjoni, li tista' tinbidel, iżda pjuttost [...] konstatazzjoni fattwali li tirriżulta mill-investigazzjoni tagħha". Din l-affermazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza għandha tinftiehem fid-dawl ta' affermazzjonijiet oħra magħmula preċedentement fis-sentenza kkontestata. Għaldaqstant, fil-punt 335 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat b'mod partikolari li "l-evalwazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni [kkontestata] għandhom ikunu kompatibbli mal-konstatazzjonijiet fattwali magħmula fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sakemm ma jiġix stabbilit li dawn il-konstatazzjonijiet kienu ineżatti." Barra minn hekk, fil-punt 378 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat li "l-konklużjonijiet [...] fuq [il-provi, hekk kif huma msemmija] fid-deċiżjoni [kkontestata] huma wkoll nettament differenti mill-konstatazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet".

73 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma llimitatx ruħha għall-użu tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bħala strument biex tivverifika n-natura korretta, kompleta u affidabbli tal-fatti li fuqhom hija bbażata d-Deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, hija ttrattat kategorija partikolari ta' konklużjonijiet li jinsabu f'din id-dikjarazzjoni bħala stabbilita, li madankollu setgħu jkunu kkunsidrati biss bħala provviżorji.

74 Din il-konċezzjoni tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tirriżulta barra minn hekk minn punti oħra tas-sentenza appellata. Għaldaqstant, fil-punti 409 u 410 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkritikat il-fatt li l-Kummissjoni ma ċaħditx "konstatazzjonijiet fattwali magħmula preċedentement" fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Barra minn hekk, fil-punt 424 tal-imsemmija sentenza, l-appellanti u l-Kummissjoni huma kkritikati li ma affermawx "u inqas u inqas ma pprovaw", li "konstatazzjoni" li tidher fl-imsemmija dikjarazzjoni hija inkorretta. Fil-punt 446 tas-sentenza kkontestata, huwa wkoll indikat li "l-osservazzjoni li ma kien hemm ebda prova li l-iskontijiet affettwaw kunsiderevolment il-prezzijiet iktar tikkostitwixxi konstatazzjoni fattwali milli evalwazzjoni". Barra minn hekk, fil-punti 398, 419, 447 u 451 ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni hija, essenzjalment, ikkritikata talli straħet b'mod kunsiderevoli, għall-finijiet tad-Deċiżjoni kkontestata, fuq l-impatt tal-"iskontijiet promozzjonali", filwaqt li, hekk kif il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat fil-punt 447 ta' din is-sentenza, fil-komunikazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni "lanqas biss ikkunsidrat li kien hemm bżonn li ssemmi [tali skontijiet]."

75 Issa, hekk kif il-Kummissjoni rrilevat, huwa possibbli li l-partijiet li qed jinnotifikaw, permezz tar-risposta tagħhom lid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, jikkompletaw jew jikkjarifikaw, fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, il-"pożizzjoni" tagħhom fuq il-funzjonament tas-suq jew tas-swieq inkwistjoni, b'mod li elementi ġodda jistgħu jiżdiedu jew li fatti li diġà ġew eżaminati mill-Kummissjoni jistgħu jitqiegħdu f'perspettiva oħra. F'tali ċirkustanzi, anki jekk in-nuqqas ta' fondatezza ta' ċerti konstatazzjonijiet provviżorji individwali magħmula mill-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet mhijiex murija, l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni ta' dawn il-konstatazzjonjiet fil-kuntest modifikat tista' tkun totalment differenti. Fis-sentenza appellata, jidher li l-Qorti tal-Prim'Istanza, billi ffokalizzat fuq id-differenzi bejn id-Deċiżjoni kkontestata, li hija s-suġġett tar-rikors imressaq quddiemha, u l-"konstatazzjonijiet fattwali magħmula preċedentement" fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, warrbet din il-possibbiltà. Fil-fatt, kif il-Kummissjoni ssostni, l-approċċ adottat mill-Qorti tal-Prim'Istanza li jirriżulta minn ċerti punti tas-sentenza appellata jidher li huwa bbażat fuq l-ipoteżi li l-konklużjonijiet provviżorji tal-Kummissjoni fl-imsemmija dikjarazzjoni huma invarjabbilment fondati fuq provi inekwivoċi. Issa, apparti, eventwalment, elementi mhux kontroversjali li, pereżempju, minħabba n-natura empirika u verifikabbli tagħhom, huma tant ovvji li huma inkontestabbli, ma jistax jitqies li affermazzjonijiet li jidhru f'dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma jistgħux ikunu mmodifikati skont ir-risposti għal tali dikjarazzjoni. Barra minn hekk, anki jekk jitqies li l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha d-dritt tagħmel distinzjoni bejn il-konstatazzjonijiet fattwali u l-evalwazzjonijiet li jidhru fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punti 379 u 446 tad-Deċiżjoni kkontestata, hija kkategorizzat bħala konstatazzjonijiet fattwali ċerti evalwazzjonijiet kumplessi li ma jistgħux f'kull każ ikunu kkunsidrati bħala konstatazzjonijiet fattwali li ma jistgħux ikunu mmodifikati.

76 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi inkwantu, fl-eżami tagħha tal-argumenti bbażati fuq l-eżistenza ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, hija ttrattat ċerti elementi li jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bħala stabbiliti mingħajr ma wriet ir-raġunijiet li għalihom, minkejja l-pożizzjoni finali adottata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata, dawn l-elementi kellhom ikunu kkunsidrati bħala inkontestabbilment stabbiliti.

77 Madankollu, dan l-iżball mhuwiex, waħdu, ta' natura li jqiegħed inkwistjoni l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li tinsab fil-punt 377 tas-sentenza appellata, li abbażi tagħhom "l-provi, kif imsemmija fid-deċiżjoni [kkontestata], ma jippermettux li jiġu sostnuti l-konklużjonijiet ibbażati fuqhom". Għaldaqstant, dan l-iżball, waħdu, ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata. Għaldaqstant hemm lok li jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra.

Fuq it-tieni aggravju kif ukoll fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju, ibbażati fuq żbalji ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza eżiġiet li l-Kummissjoni tagħmel investigazzjonijiet ġodda tas-suq wara r-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u applikat rekwiżiti ta' prova eċċessivi fir-rigward tal-elementi mressqa b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet

— Is-sentenza appellata

78 Fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni f'dak li jikkonċerna t-trasparenza tas-suq, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 414 tas-sentenza appellata, tafferma b'mod partikolari li "l-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jistgħux jistennew sa l-aħħar minuta biex jissottomettu provi lill-Kummissjoni bil-għan li jikkonfutaw l-oġġezzjonijiet imqajma fiż-żmien xieraq mill-Kummissjoni, peress li din tal-aħħar ma tkunx, konsegwentement, iktar f'pożizzjoni li twettaq l-investigazzjonijiet meħtieġa. F'każ ipotetiku bħal dan, dawn il-provi għandhom għall-inqas ikunu partikolarment sodi, oġġettivi, rilevanti u konvinċenti sabiex ikunu jistgħu jikkonfutaw validament l-oġġezzjonijiet imqajma mill-Kummissjoni".

79 Il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis barra minn hekk, fil-punt 415 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma tistax "tasal biex tiddelega, mingħajr sorveljanza, ir-responsabbiltà tat-twettiq ta' ċerti aspetti tal-investigazzjoni lill-partijiet fil-konċentrazzjoni, b'mod partikolari meta, bħal f'dan il-każ, dawn l-aspetti jikkostitwixxu l-element kruċjali li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni [kkontestata] u d-data u l-evalwazzjonijiet imressqa mill-partijiet fil-konċentrazzjoni huma dijametrikament opposti għall-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni tagħha kif ukoll għall-konklużjonijiet li hija waslet għalihom minn din l-informazzjoni".

80 Iktar minn hekk, f'diversi postijiet fis-sentenza appellata, b'mod partikolari fil-punti 398, 428 u 451 tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza ssostni li l-Kummissjoni ma wettqitx, wara r-risposta mill-partijiet fil-konċentrazzjoni għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, investigazzjonijiet ġodda tas-suq sabiex teżamina l-validità tal-orjentament il-ġdid tal-evalwazzjoni tagħha tal-konċentrazzjoni proposta.

— L-argumenti tal-partijiet

81 Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet, essenzjalment, li l-Kummissjoni hija obbligata twettaq investigazzjonijiet ġodda tas-suq wara r-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Għaldaqstant, il-konkluzjoni tagħha li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' evalwazzjoni u ta' motivazzjoni għaliex ma wettqitx investigazzjonijiet ġodda hija infondata.

82 Permezz tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, li għandu jiġi ttrattat flimkien mat-tieni aggravju, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 414 tas-sentenza appellata, issuġġeriet fir-realtà li l-provi li jiskaġunaw imressaq mill-partijiet li qed jinnotifikaw b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet huma suġġetti għal rekwiżiti superjuri għal dawk applikati għall-elementi probatorji indikati mill-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex isostni l-oġġezzjonijiet tagħha.

83 In sostenn tal-appellanti, il-Kummissjoni ssosnti, fl-ewwel lok, li fid-dawl tat-termini stretti li għalihom hija suġġetta bis-saħħa tar-Regolament, hija għandha jkollha l-possibbiltà tibbaża ruħha fuq il-provi ppreżentati mill-appellanti fir-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, peress illi l-imsemmija risposta tifforma parti mill-proċeduri formali. Bħall-appellanti, hija tfakkar li r-Regolamenti jipprovdi l-impożizzjoni ta' multi jew ta' penalitajiet fil-każ ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni inkorretta jew li tista' tqarraq u jawtorizza lill-Kummissjoni tirrevoka deċiżjoni li hija bbażata fuq informazzjoni mhux korretta li għaliha kienet responsabbli waħda mill-impriżi konċernati jew li tkun inkisbet b'qerq.

84 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-punt 414 tas-sentenza appellta, li juri l-approċċ adottat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 415 sa 457 ta' din is-sentenza, fir-rigward ta' numru ta' provi, jirrileva numru ta' żbalji ta' liġi relatati, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-forza probatorja tal-provi ppreżentati b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

85 Impala ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet inkunsiderazzjoni t-termini stretti previsti mir-Regolament. Hija sempliċiment kkonstatat il-fatt li l-Kummissjoni naqset milli twettaq xi investigazzjoni supplimentari tas-suq, mingħajr ma tippreċiża jekk, wara s-seduta, investigazzjonijiet tas-suq kien imisshom twettqu. Skont Impala, il-Kummissjoni kien imissha investgat fuq il-problema tat-trasparenza u tal-iskontijiet qabel ma' ħarġet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

86 Fir-rigward tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, Impala sosstni li jirriżulta mill-punt 414 tas-sentenza appellata li l-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għal sitwazzjoni ipotetika li fiha l-partijiet f'konċentrazzjoni jipprovdu provi fl-aħħar minuta u ma jagħtu lill-Kummissjoni ebda possibbiltà tagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji. Skont Impala, minn dan l-istess punt tas-sentenza appellata jirriżulta wkoll li għandu jkun preżunt li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, mhux li l-Kummissjoni kien imissha investigat fuq l-imsemmija problematika wara s-seduta, iżda li hija kien imissha għamlet dan qabel matul il-proċeduri formali.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

87 Qabel kollox hemm lok li jiġi miċħud l-argument ta' Impala, espost fil-punt 86 ta' din is-sentenza, li l-punt 414 tas-sentenza appellata jikkonċerna sitwazzjoni ipotetika. Fil-fatt, tali interpretazzjoni tal-imsemmi punt 414 hija kkontradixxuta mill-kliem tiegħu stess, li minnhom jirriżulta li r-rimarki tal-Qorti tal-Prim'Istanza kkritikati fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet aggravju jikkonċernaw il-proċedura li twassal għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

88 Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-punti 61 u 62 ta' din is-sentenza, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża qabel l-adoozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' tolqot lill-impriżi kkonċernati hija essenzjali fil-proċeduri għall- kontroll ta' konċentrazzjonijiet.

89 Għaldaqstant, bħala regola ġenerali, il-partijiet li qed jinnotifikaw ma jistgħux ikunu kkritikati talli jressqu ċerti argumenti, fatti jew provi, eventwalment deċiżivi, biss

fil-kuntest tal-argumenti tagħhom b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fil-fatt huwa biss b'din id-dikjarazzjoni li l-partijiet fil-konċentrazzjoni jistgħu jiksbu indikazzjonijiet dettaljati dwar ir-riżervi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-konċentrazzjoni proposta tagħhom kif ukoll fir-rigward tal-argumenti u tal-provi li fuqhom hija tibbaża ruħha għal dan il-għan. Hekk kif jirriżulta mill-punt 62 ta' din is-sentenza, mid-drittijiet tad-difiża tal-impriżi li qed jinnotifikaw, li jinsabu fit-tieni sentenza tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament kif ukoll fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni jirriżulta li dawn għandhom id-dritt jippreżentaw fil-kuntest tas-seduta bil-miktub u orali tagħhom wara li jkunu rċevew id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, dak kollu li huma jqisu li jista' jikkonfuta l-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni u jwassal lil din tapprova l-konċentrazzjoni proposta tagħhom. Kuntrarjament għal dak li l-Qorti tal-Prim'Istanza tħalli x'jiġi mifhum, b'mod partikolari fil-punt 414 tas-sentenza appellata, argument imressaq b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jifforma parti mill-investigazzjoni li għandha ssir fil-kuntest tal-proċeduri formali. Tali argument mhuwiex tardiv, iżda jsir fil-mument previst għal dan il-għan fil-proċedura għall-kontroll ta' konċentrazzjonijet.

90 Barra minn hekk, għandu wkoll jiġi mfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-punt 49 ta' din is-sentenza, il-ħtieġa ta' ħeffa li tikkaratterizza l-iskema ġenerali tar-Regolament timponi lill-Kummissjoni tirrispetta t-termini stretta għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali.

91 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl b'mod partikolari tal-limiti taż-żmien li jirriżultaw mit-termini proċedurali previsti mir-Regolament, il-Kummissjoni ma tistax, bħala regola ġenerali, tkun obbligata, f'kull każ individwali, tibgħat, wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u wara li tkun semgħet lill-impriżi kkonċernati, talbiet għal informazzjoni eżawrjenti lin-numerużi operaturi ekonomiċi ftit taż-żmien qabel ma tibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha lill-Kumitat Konsultattiv dwar konċentrazzjonijiet bejn impriżi, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament.

92 Barra minn hekk, hekk kif il-Kummissjoni tirrileva, ir-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tista' tagħti attenzjoni partikolari għal elementi li l-partijiet li qed jinnotifikaw jikkunsidraw bħala kruċjali għar-riżultat tal-proċeduri formali. Tali elementi setgħu ma kinux ikkunsidrati bħala kruċjali fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijet. Issa, in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-elementi jista' jifforma parti mill-kritika tal-impriżi li qed jinnotifikaw fir-rigward tal-evalwazzjoni preliminari tal-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dawn ir-rekwiżiti tad-drittijiet tad-difiża,

l-argumenti tal-partijiet li qed jinnotifikaw, ippreżentati b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ma jistgħux ikunu suġġetti għal rekwiżiti iktar għoljin fir-rigward tal-forża probatorja tagħhom u tan-natura konvinċenti tagħhom minn dawk stabbiliti fir-rigward tal-argumenti tal-kompetituri, tal-klijenti u ta' terzi oħra interrogati mill-Kummissjoni matul il-proċedura amministarattiva jew fir-rigward tal-elementi pprovduti mill-impriżi li qed jinnotifikaw f'stadju preċedenti tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

93 Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni teżamina fid-deċiżjoni tagħha l-argumenti ta' difiża tal-impriżi li qed jinnotifikaw u tieħu l-opportunità sabiex tirrevedi l-konklużjonijiet provviżorji tagħha li jidhru fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex eventwalment titbiegħed minnhom, hija ma "tiddelegax" l-investigazzjoni lill-imsemmija impriżi. F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li l-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament jipprevedu multi jew penalitajiet meta tingħata informazzjoni inkorretta jew li tqarraq u li l-Artikolu 8(5)(a) tal-istess regolament jawtorizza lill-Kummissjoni tirrevoka deċiżjoni li tkun ibbażata fuq informazzjoni mhux korretta li għaliha kienet responsabbli waħda mill-impriżi konċernati jew li tkun inkisbet b'qerq.

94 Ċertament, il-Kummissjoni hija obbligata teżamina bir-reqqa l-argumenti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni kemm fir-rirgward tal-eżattezza tagħhom, kif ukoll fir-rigward tan-natura kompleta u konvinċenti tagħhom u tinjorhom fil-każ ta' dubji ġġustifikati. Huwa wkoll veru li, bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, in-notifika tal-konċentrazzjoni proposta għandha tinkludi l-informazzjoni korretta u kompluta, u li, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament, il-partijiet li qed jinnotifikaw huma obbligati jirrispondu b'mod komplut, korrett u fit-termini mogħtija għal talbiet eventwali ta' informazzjoni tal-Kummissjoni, u fin-nuqqas li jagħmlu hekk, meta l-informazzjoni inkwistjoni tkun intalbet permezz ta' deċiżjoni, il-Kummissjoni tista', bis-saħħa tal-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament, timponi multi jew sanzjonijiet. Xorta waħda jibqa' l-fatt li din għandha, fl-istadju tar-risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijet, taħt piena li xxejjen id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet li qed jinnotifikaw, tapplika l-istess kriterji bħal dawk segwiti għall-finijiet tal-eżami tal-argumenti ta' terzi jew bħal dawk adottati fi stadju iktar kmieni tal-investigazzjoni tagħha, filwaqt li tkun tista' tislet il-konsegwenzi xierqa fil-każ li jirriżulta fi stadju avvanzat ħafna tal-proċedura li n-notifika kkonċernata ma tosservax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

95 Minn dan jirriżulta li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi, minn naħa, billi imponiet, essenzjalment, lill-Kummissjoni tkun partikolarment eżiġenti f'dak li

jikkonċerna n-natura probatorja tal-provi u tal-argumenti mressqa mill-partijiet li qed jinnotifikaw b'risposta għal dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u, min-naħa l-oħra, billi kkonstatat li n-nuqqas ta' investigazzjonijiet tas-suq supplimentari wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-argumenti ta' difiża tal-appellanti kienu jekwivalu għal delegazzjoni illegali tal-investigazzjoni lill-partijiet fil-konċentrazzjoni.

96 Madankollu, dan l-iżball ta' liġi ma jivvizjax is-sentenza appellata kollha, b'mod partikolari dik il-parti li tikkonċerna l-insuffiċjenzi ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata kif ukoll il-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li tinsab fil-punt 377 tas-sentenza appellata, li "l-provi, kif imsemmija f[l-imsemmija] deċiżjoni, ma jippermettux li jiġu sostnuti l-konklużjonijiet ibbażati fuqhom". Għaldaqstant, hemm lok li jiġu eżaminati l-aggravji oħra.

Fuq is-seba' aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq provi li ma ġewx żvelati lill-partijiet fil-konċentrazzjoni

— Is-sentenza appellata

97 Fil-punt 352 tas-sentenza appellata, fil-kuntest tal-eżami mwettaq mill-Qorti tal-Prim'Istanza dwar it-trasparenza tal-prezzijiet u b'mod partikolari dwar il-possibbiltà li l-majors jimmonitoraw is-suq tal-bejgħ bl-assistenza ta' rapporti ta' kull ġimgħa mill-aġenti tagħhom, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għal konstatazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fid-Deċiżjoni kkontestata, li l-appellanti kienu stabbilixxew sistema ta' rapporti ta' kull ġimgħa, li kienu jinkludu wkoll informazzjoni fuq il-kompetituri. Fil-punti 356 sa 360 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi wkoll f'dan ir-rigward għal ċerti dokumenti ppreżentati minn Impala u klassifikati bħala kunfidenzjali. Għaldaqstant, il-punti 356 sa 360 tal-verżjoni tas-sentenza appellata ppubblikata fil-Ġabra huma sempliċiment immarkati "[kunfidenzjali]". Isir ukoll riferiment għar-rapporti ta' monitoraġġ ta' kull ġimgħa fil-punti 389 u 451 ta' din is-sentenza, fejn l-imsemmi punt 389 jinkludi parti mmarkata "[kunfidenzjali]" fil-verżjoni ppubblikata fil-Ġabra.

— L-argumenti tal-partijiet

98 L-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi billi bbażat ruħha, fil-punti 356 sa 360 tas-sentenza appellata, fuq provi li ma kienux għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata u li qatt ma kienu ġew żvelati lilhom. F'dan ir-rigward, ikun diffiċli li wieħed jimmaġina għaliex il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet invokat dawn id-dokumenti f'ħames punti tas-sentenza tagħha u rreferiet għalihom darbtejn oħra, fil-punti 389 u 451 tas-sentenza appellata, jekk hija ma qisithomx rilevanti għal dak li jikkonċerna r-riżultat tal-istħarriġ tagħha.

99 Impala ssostni li l-elementi inkwistjoni ġew imsemmija matul is-seduta tal-14 u l-15 ta' Ġunju 2004, fil-preżenza tal-partijiet u kienu ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni fuq bażi kunfidenzjali wara dawn is-seduti. Skont Impala, l-appellanti kienu ġew għaldaqstant infurmati, matul l-imsemmija seduti, li dawn kienu jikkonċernaw il-prattiċi ta' monitoraġġ tal-prezzijiet tagħhom stess fi Franza u huma ppreżentaw diversi osservazzjonijiet fuq dan l-aspett tas-sistema ta' stabbiliment ta' prezzijiet matul kemm il-proċedura amministrattiva kif ukoll il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. F'kull każ, skont Impala, anki jekk l-ilmenti mressqa mill-appellanti fil-kuntest ta' dan l-aggravju kienu fondati, ma jistax jittieħed kont tagħhom għaliex l-imsemmija elementi ma kellhomx influwenza fuq l-eżitu tas-sentenza appellata.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

100 Qabel kollox, hemm lok li jiġi miċħud l-argument ta' Impala espost fil-punt 99 ta' din is-sentenza, li l-appellanti kienu ġew suffiċjentement infurmati bil-kontenut tad-dokumenti li jiffurmaw is-suġġett tal-punti 356 sa 360 tas-sentenza appellata matul is-seduta quddiem il-Kummissjoni. Fil-fatt, jirriżulta mir-risposta ta' Impala quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li "[d]in l-informazzjoni kienet ġiet imsemmija matul is-seduta [...] u wara kienet ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni fuq bażi kunfidenzjali wara s-seduta". F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi sostnut li l-kontenut ta' dawn id-dokumenti kien ġie żvelat fi' żmien xieraq u bil-preċiżjoni u l-koerenza neċessarja sabiex l-appellanti jkunu jistgħu, jekk ikun il-każ, jirrispondu b'mod effettiv għall-inferenzi li Impala siltet mill-imsemmija dokumenti quddiem il-Kummissjoni.

101 Skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament, il-Kummissjoni tista' tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom il-partijiet setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Minn dan isegwi li, peress illi l-appellanti ma setgħux ikunu jafu fi żmien xieraq dwar il-kontenut tad-dokumenti kunfidenzjali inkwistjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq dawn id-dokumenti għall-finijiet tad-Deċiżjoni kkontestata.

102 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi billi bbażat ruħha, fir-rigward tal-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata, fuq dokumenti ppreżentati fuq bażi kunfidenzjali minn Imapla, peress illi l-Kummissjoni stess ma setgħex tużhom għall-finijiet tal-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni minħabba n-natura kunfidenzjali tagħhom.

103 Mingħajr mhemm bżonn li ttieħed deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk it-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmija dokumenti seta' kellu impatt fuq ir-riżultat tal-eżami mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-argumenti dwar l-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, f'kull każ, l-iżball ta' liġi identifikat fil-kuntest ta' dan is-seba' aggravju ma jistax jinvalida l-konklużjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li tinsab fil-punt 325 tas-sentenza appellata, li, essenzjalment, id-Deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni. Għaldaqstant hemm lokk li jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra.

Fuq il-ħames aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat ħażin il-kriterji ġuridiċi rilevanti applikabbli fil-qasam ta' ħolqien jew ta' tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kollettiva

— Is-sentenza appellata

104 Fil-punti 250 sa 254 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet l-osservazzjonijiet segwenti dwar il-kunċett ta' pożizzjoni dominanti kollettiva:

"250 […] Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva għandha tistrieħ fuq sensiela ta' fatti stabbiliti, li seħħu fil-passat jew attwali, li juru li hemm tfixkil sinjifikattiv tal-kompetizzjoni fis-suq minħabba l-poter miksub minn uħud mill-impriżi li jadottaw flimkien l-istess politika f'dan is-suq, f'miżura sinjifikattiva, indipendentement mill-kompetituri, mill-klijentela u mill-konsumaturi tagħhom.

251 Minn dan isegwi li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, għalkemm it-tliet kundizzjonijiet identifikati mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza [tas-6 ta' Ġunju 2002,] Airtours vs Il-Kummissjoni, [T-342/99, Ġabra p. II-2585], li kienu dedotti minn analiżi teoretika tal-kunċett ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, huma, ċertament, neċessarji wkoll, huma jistgħu madankollu, meta jkun il-każ, jiġu stabbiliti indirettament fuq il-bażi ta' serje ta' indizji u provi, eventwalment ukoll eteroġenei ħafna, relattivi għas-sinjali, manifestazzjonijiet u fenomeni inerenti għall-preżenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva.

252 B'hekk, b'mod partikolari, allinjament mill-qrib tal-prezzijiet fuq perijodu twil taż-żmien, fuq kollox jekk ikunu f'livell ogħla minn dak kompetittiv, flimkien ma' fatturi oħra tipiċi għal pożizzjoni dominanti kollettiva, jistgħu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni raġonevoli oħra, ikunu biżżejjed sabiex juru l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, anki jekk ma jkunx hemm provi diretti sodi ta' trasparenza qawwija fis-suq, peress li trasparenza bħal din tista' tiġi preżunta f'tali ċirkustanzi.

253 Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, l-allinjament tal-prezzijiet, kemm grossi kif ukoll netti, fl-aħħar sitt snin, minkejja li l-prodotti mhumiex identiċi (billi kull diska għandha kontenut differenti), u wkoll il-fatt li ġew miżmuma fuq livell stabbli mhux ħażin, u fuq livell ikkunsidrat bħala għoli minkejja tnaqqis sinjifikattiv fid-domanda, flimkien ma' fatturi oħra (poter tal-impriżi f'sitwazzjoni ta' oligopolija, stabbiltà tal-ishma fis-suq, eċċ), kif ikkonstatati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni [kkontestata], jistgħu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni oħra, jissuġġerixxu, jew jikkostitwixxu indikazzjoni, li l-allinjament tal-prezzijiet mhuwiex il-konsegwenza ta' kompetizzjoni effettiva normali u li s-suq huwa suffiċjentement trasparenti billi ppermetta koordinazzjoni taċita tal-prezzijiet.

254 Madankollu, peress li [Impala] bbażat l-argumenti tagħha fuq applikazzjoni żbaljata tad-diversi kundizzjonijiet meħtieġa sabiex ikun hemm pożizzjoni dominanti kollettiva, kif iddefiniti fis-sentenza Airtours vs Il-Kummissjoni, [iċċitata iktar 'il fuq], u, b'mod partikolari, il-kundizzjoni relattiva għat-trasparenza tas-suq, iktar milli fuq it-teżi li l-konstatazzjoni ta' politika komuni għal perijodu twil ta' żmien, flimkien mal-preżenza ta' sensiela ta' fatturi oħra li jikkaratterizzaw pożizzjoni dominanti kollettiva, tista', f'ċerti ċirkustanzi u fin-nuqqas ta' spjegazzjoni alternattiva, tkun biżżejjed biex turi l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti, b'kuntrast mal-ħolqien ta' din il-pożizzjoni, mingħajr mhemm bżonn li tiġi stabbilita pożittivament it-trasparenza tas-suq, il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha tillimita ruħha, fil-kuntest tal-eżami tal-motivi mqajma, biex tivverifika li d-deċiżjoni [kkontestata] applikat korrettament il-kundizzjonijiet iddefiniti fis-sentenza Airtours. Fil-fatt, mingħajr mhuwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk l-approċċ oppost iwassalx sabiex il-Qorti tal-Prim'Istanza toħroġ'il barra mill-kuntest tal-kawża kif iddefinit mill-partijiet jew jekk jikkostitwixxix sempliċi applikazzjoni tad-dritt fil-kuntest ta' motiv imqajjem [minn Impala], il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha tieħu dan l-approċċ, fid-dawl tal-prinċipju tal-kontradittorju, billi din il-kwistjoni ma ġietx diskussa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza."

105 Il-punt 309 tas-sentenza appellata jistipola kif ġej:

"Minbarra dan, jirriżulta mill-aħħar sentenza tal-premessa 77 tad-deċiżjoni [kkontestata] li l-iskontijiet mhumiex ta' natura li jaffettwaw realment it-trasparenza tas-suq fir-rigward tal-prezzijiet li jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-prezzijiet pubbliċi tal-katalogu, billi huwa kkonstatat li '[j]ekk devjazzjoni sinjifikattiva mill-politiki tal-prezzijiet miftiehma kienet qed tiġi implementata mill-kumpanniji l-kbar tad-diski permezz tal-għoti ta' skontijiet, din id-devjazzjoni kienet tkun riflessa fil-prezzijiet medji netti tagħhom'".

106 Fir-rigward tal-kwistjoni tal-impatt ta' varjazzjonijiet fi skontijiet fuq it-trasparenza tas-suq, il-Qorti tal-Prim'Istanza b'mod partikolari indikat, fil-punt 420 tas-sentenza appellata, li "[kif] osservat [Impala], id-differenzi fil-firxiet ta' skontijiet fiż-żmien jistgħu jkunu r-riżultat ta' differenzi fir-rendimenti u ma jipprekludux li l-iskontijiet jistrieħu fuq sett magħruf ta' regoli".

107 Fil-punt 427 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat li ċerti provi li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha "ma jeskludux il-possibbiltà li [varjazzjonijiet ta' skontijiet minn klijent għal klijent] jistgħu, għall-inqas għal professjonist tas-settur, jiġu spjegati pjuttost faċilment abbażi ta' numru ta' regoli ġenerali jew speċifiċi li jirregolaw l-għoti tal-iskontijiet".

108 Il-punt 428 tas-sentenza appellata jistipola kif ġej:

"Għalkemm, kif enfasizzat il-Kummissjoni, [Impala] tabilħaqq ma spjegatx preċiżament x'inhuma dawn id-diversi regoli li jirregolaw l-għoti tal-iskontijiet promozzjonali, jew, skont il-Kummissjoni, hija rriferiet għal numru kbir wisq ta' dawn ir-regoli, ħaġa li tirrendi l-applikazzjoni tagħhom kumplessa u għalhekk mhux partikolarment trasparenti, jibqa' l-fatt li, kif diġà ġie kkonstatat, il-Kummissjoni ma wettqitx investigazzjoni fis-suq f'dan ir-rigward jew, għall-inqas, ma pproduċiet ebda prova tal-opaċità tal-iskontijiet promozzjonali, bl-eċċezzjoni tat-tabelli tal-partijiet fil-konċentrazzjoni, li, barra mill-imperfezzjonijiet tagħhom, kienu f'kull każ intiżi biss biex jistabbilixxu l-eżistenza ta' ċerti varjazzjonijiet f'dawn l-iskontijiet, iżda ma jurux li dawn il-varjazzjonijiet ma jistgħux ikunu xi ftit jew wisq faċilment spjegabbli għal professjonist tas-settur. [...]"

109 Fil-punt 429 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat li "[g] ħalkemm il-kombinazzjoni tal-elementi varjabbli għandha neċessarjament bħala effett li żżid is-sitwazzjonijiet ipotetiċi, il-Kummissjoni madankollu ma weritx li l-eżerċizzju b'hekk jiġi reż eċċessivament diffiċli għal professjonist tas-suq."

— L-argumenti tal-partijiet

110 L-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza, billi kkonkludiet li l-Kummissjoni kienet wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u kienet immotivat b'mod insuffiċjenti d-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tat-trasparenza tas-suq, interpretat ħażin il-pożizzjoni taħt id-dritt Komunitarju fir-rigward tal-kunċett ta' pożizzjoni dominanti kollettiva. Skont l-appellanti, il-kriterju dwar it-trasparenza tas-suq komuni

bħala element indikattiv ta' pożizzjoni dominanti kollettiva f'suq, kif stabbilit mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza tagħha Airtours vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u li l-Qorti tal-Prim'Istanza tiddikjara li ssegwi fis-sentenza appellata, jimponi fuq il-Kummissjoni tistabbilixxi, fl-ewwel lok, li l-majors kellhom mekkaniżmu plawżibbli ta' monitoraġġ tal-prezzijiet bl-ingrossa netti rispettivi tagħhom u, fit-tieni lok, peress illi d-Deċiżjoni kkontestata kienet tikkonċerna esklużivament il-kwistjoni tal-eżistenza ta' kollużjoni taċita, li l-majors kienu fir-realtà applikaw tali mekkaniżmu ta' monitoraġġ.

111 Skont l-appellanti, fil-prattika, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat kriterju inqas iebes sabiex tistabbilixxi t-trasparenza tas-suq, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 251 tas-sentenza appellata, f'dak illi hija ddeduċiet din it-trasparenza minn ċertu numru ta' fatturi li, fid-dritt, mhumiex suffiċjenti sabiex jistabbilixxu l-grad meħtieġ ta' trasparenza, B'mod partikolari, billi injorat ir-rilevanza tal-iskontijiet sabiex tevalwa t-trasparenza fuq il-livell tal-prezzijiet bl-ingrossa netti, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi billi naqset milli tidentifika metodu li jippermetti li jiġu osservati b'mod suffiċjentement preċiż u opportun il-bidliet sinjifikattivi fil-prezzijiet bl-ingrossa netti tal-majors l-oħra sabiex tiġi identifikata bi preċiżjoni u fi żmien xieraq kull devjazzjoni mil-livelli ta' prezzijiet taċitament mifthema.

112 Skont l-appellanti, l-ipoteżi ta' kollużjoni taċita preeżistenti timplika li l-appellanti kif ukoll il-majors l-oħra kienu realment immonitoraw il-prezzijiet bil-ingrossa netti tagħhom u kellhom informazzjoni suffiċjentement preċiża u opprtuna dwar il-modifiki tal-prezzijiet bl-ingrossa netti rispettivi tagħhom. Issa, la l-Qorti tal-Prim'Istanza, la Impala, u lanqas il-Kummissjoni ma setgħu jidentifikaw mekkaniżmu ta' monitoraġġ, mill-majors, tal-prezzijiet bl-ingrossa netti jew jippruvaw li ġie użat tali mekkaniżmu.

113 Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat, skont l-appellanti, kriterju żbaljat fl-evalwazzjoni tagħha tal-grad ta' trasparenza meħtieġ sabiex tkun tista' tiġi konkluża l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva fis-swieq tal-mużika rreġistrata inkwistjoni. Hija fil-fatt kkunsidrat elementi li mhumiex rilevanti fir-rigward tal-kriterju dwar it-trasparenza tas-suq u warbet elementi oħra li huma mandankollu bla dubju

ta' xejn rilevanti f'dan ir-rigward. F'dan l-aħħar rigward, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet b'mod partikolari żbalji ta' dritt:

— billi ddeduċiet, fil-punt 309 tas-sentenza appellata, it-trasparenza tal-iskontijiet mill-impatt tagħhom fuq il-prezzijiet netti medji;

— billi warbet, fil-punt 429 tas-sentenza appellata, ir-rilevanza tal-istrutturi kumplessi ta' prezzijiet fl-evalwazzjoni tagħha tat-trasparenza, u

— billi warbet, fil-punti 298, 306, 310 u 395 tas-sentenza appellata, ir-rilevanza tal-varjazzjoni tal-prezzijiet sabiex tevalwa t-trasparenza.

114 Impala tissuġġerizzi qabel kollox li l-ħames aggravju jikkostitwixxi tentattiva minn naħa tal-appellanti li jikkontestaw l-evalwazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, mingħajr ma jallegaw żbalji ta' liġi.

115 Sussidjarjament, Impala ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza appellata, applikat kriterju korrett sabiex tistabbilixxi t-trasparenza tas-suq, jiġifieri l-kriterju stabbilit fil-punt 62 tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza Airtours vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. F'dan ir-rigward, Impala ssosnti, b'mod partikolari, li l-uniku element li l-Kummissjoni kkonstatat li kien "inqas" trasparenti kien dak kkostitwit mill-iskontijiet promozjonali. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-provi determinati li fuqhom il-Kummissjoni bbażat il-konstatazzjoni tagħha ma kinux isostnu din il-konstatazzjoni, minkejja li kien sar eżami eżawrjenti ta' dawn il-provi. Fir-realtà, il-ħames aggravju jikkonċerna mhux l-kriterju ġuridiku tat-trasparenza tas-suq, iżda pjuttost l-evalwazzjoni mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-elementi fattwali li jistabbilixxu din it-trasparenza. Skont Impala, is-sentenza appellata ma applikatx ħażin il-kriterju stabbilit fil-punt 62 tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza Airtours vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, peress illi l-Qorti tal-Prim'Istanza la applikat kriterju inqas iebes u lanqas naqset milli teżamina t-trasparenza fuq il-livell meħtieġ.

116 Impala tikkontesta barra minn hekk l-allegazzjonijiet li ġew miġbura fil-qosor fil-punt 113 ta' din is-sentenza.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

117 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza applikatx regola ġuridika korretta waqt l-eżami tal-provi tikkostitwixxi kwistjoni ta' dritt li tista', bħala tali, tkun invokata fil-kuntest ta' appell (ara s-sentenza Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40). Fir-rigward ta' din il-kawża, l-argumenti tal-appellanti esposti fil-punti 110 sa 112 ta' din is-sentenza huma għaldaqstant ammissibbli fl-istadju tal-appell.

118 F'dak li jikkonċerna t-tliet kritiki speċifiċi miġbura fil-qosor fil-punt 113 ta' din is-sentenza, biss it-tieni u t-tielet huma ammissibbli. Fil-fatt, l-ewwel kritika speċifika ma tikkonċernax ir-rilevanza ta' element partikolari użat sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, iżda hija intiża, fir-realtà, għal evalwazzjoni ġdida tal-fatti, li, skont il-ġurisprudenza kostanti mfakkra fil-punt 29 ta' din is-sentenza, ma taqax, bħala regola ġenerali, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam ta' provi (ara wkoll f'dan is-sens, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni, C-260/05 P, Ġabra p. I-10005, punti 34 u 35). Għall-kuntrarju, it-tieni u t-tielet kritiċi speċifiċi jinvokaw żbalji ta' liġi.

119 F'dak li jikkonċerna l-fondatezza ta' dan l-aggravju, għandu qabel kollox jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, essenzjalment, li l-kunċett ta' pożizzjoni dominanti kollettiva huwa inkluż fost dak ta' "pożizzjoni dominanti" skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kali & Salz, iċċitata iktar 'il fuq, punti 166 u 178). F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' ftehim jew ta' rabtiet ġuridiċi oħra bejn l-impriżi kkonċernati mhijiex indispensabbli għall-konstatazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva. Tali konstatazzjoni tista' tirriżulta minn fatturi oħra ta' konnessjoni u tiddependi minn evalwazzjoni ekonomika u, b'mod partikolari, minn evalwazzjoni tal-istruttura tas-suq inkwistjoni (ara, b'mod partikolari s-sentenza tas-16 ta' Marzu 2000, Compagnie maritime belge transports *et* vs Il-Kummissjoni, C-395/96 P u C-396/96, Ġabra p. I-1365, punt 45).

120 Fir-rigward ta' allegazzjoni ta' ħolqien jew ta' tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, il-Kummisjoni hija obbligata tevalwa, skont analiżi prospettiva tas-suq ta' riferiment, jekk il-konċentrazzjoni li tressqet quddiemha twassalx għal sitwazzjoni li fiha kompetizzjoni effettiva fis-suq inkwistjoni hija mfixkla b'mod sinjifikattiv mill-impriżi partijiet fil-konċentrazzjoni u impriża waħda jew iktar li għandhom, flimkien, b'mod partikolari minħabba fatturi korrelattivi eżistenti bejnithom, is-setgħa li jadottaw l-istess linja ta' azzjoni fis-suq (ara s-sentenza Kali & Salz, iċċitata iktar 'il fuq, punt 221) sabiex japprofittaw minn sitwazzjoni ta' saħħa ekonomika kollettiva, u dan mingħajr ma l-kompetituri attwali jew potenzjali, jew il-klijenti u l-konsumaturi, ma jkunu jistgħu jirreaġixxu b'mod effettiv.

121 Tali fatturi korrelattivi jinkludu, b'mod partikolari, ir-relazzjoni ta' interdipendenza li teżisti bejn il-membri ta' oligopolija ristretta li fi ħdanha, f'suq li għandu l-karatteristiċi adatti, b'mod partikolari f'termini ta' konċentrazzjoni tas-suq, ta' trasparenza u ta' omoġeneità tal-prodott, huma f'pożizzjoni li jantiċipaw l-imġiba reċiproka tagħhom u huma għalhekk inkoraġġuti ħafna jallinjaw l-imġiba tagħhom fis-suq, b'mod li jimmassimizzaw il-profitt komuni tagħhom billi jgħollu l-prezzijiet, billi jnaqsu l-produzzjoni, l-għażla jew il-kwalità tal-merkanzija u tas-servizzi, billi jnaqqsu l-innovazzjoni jew billi jeżerċitaw, b'mod ieħor, influwenza fuq il-fatturi tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, f'tali kuntest, kull operatur jaf li azzjoni kompettitva ħafna minn naħa tiegħu tipprovoka reazzjoni minn naħa tal-oħrajn, b'mod li huwa ma jikseb l-ebda vantaġġ mill-inizjattiva tiegħu.

122 Sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva li tfixkel b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu tista' għaldaqstant tqum bħala riżultat ta' konċentrazzjoni meta, fid-dawl tal-karatteristiċi stess tas-suq inkwistjoni u tal-bidla li t-twettiq tal-konċentrazzjoni ġġib lil dawn il-karatteristiċi, din ikollha bħala konsegwenza li, billi huwa konxju tal-interessi komuni, kull membru tal-oligopolija dominanti jikkunsidra possibbli, ekonomikament razzjonali u għalhekk preferibbli li jadotta l-istess politika fis-suq fuq bażi dewwiema bil-għan li jbigħ bi prezzijiet ogħla minn dawk kompetittivi, mingħajr ma jkollu għalfejn jikkonkludi ftehim jew jirrikorri għal prattika miftiehma fis-sens tal-Artikolu 81 KE, u dan mingħajr ma l-kompetituri attwali jew potenzjali, jew il-klijenti u l-konsumaturi, ikunu jistgħu jirreaġixxu b'mod effettiv.

123 Il-probabbiltà ta' tali koordinazzjoni taċita hija ikbar jekk il-kompetituri jistgħu faċilment jaslu għal ftehim komuni dwar il-mod li bih għandha taħdem il-koordinazzjoni, b'mod partikolari tal-parametri li jistgħu jiffurmaw is-suġġett tal-koordinazzjoni proposta. Fil-fatt, jekk ma jkunux jistgħu jaslu taċitament għal ftehim kondiviż tal-metodi ta' koordinazzjoni, il-kompetituri jkollhom eventwalment jirrikoru għal prattiċi pprojbiti mill-Artikolu 81 KE sabiex ikunu jistgħu jadottaw linja ta' azzjoni komuni fis-suq. Barra minn hekk, b'rigward b'mod partikolari tal-eventwali tentazzjoni li tista' teżisti għal kull parteċipant f'koordinazzjoni taċita li jitbiegħed minnha sabiex iżid il-profitt tiegħu fi żmien qasir, għandu jiġi evalwat jekk tali koordinazzjoni hijiex sostenibbli. F'dan ir-rigward, l-impriżi li jikkoordinaw l-imġiba tagħhom għandhom ikunu jistgħu jimmonitoraw b'mod suffiċjenti jekk il-metodi ta' koordinazzjoni humiex osservati. It-trasparenza fis-suq għandha, għaldaqstant, tkun suffiċjenti sabiex tippermetti, b'mod partikolari, lil kull impriża kkonċernata ssir taf, b'mod suffiċjentement preċiż u immedjat, l-iżvilupp tal-imġiba fis-suq ta' kull wieħed mill-parteċipanti l-oħra fil-koordinazzjoni. Barra minn hekk, id-dixxiplina timponi li jkun hemm forma ta' mekkaniżmu dissważiv kredibbli li jista' jiġi implementat fil-każ ta' imġiba devjanti. Barra minn hekk, ir-reazzjonijiet ta' imprizi li ma jipparteċipawx fil-koordinazzjoni, bħall-kompetituri attwali jew potenzjali, kif ukoll ir-reazzjonijiet ta' klijenti, m'għandhomx ikunu jistgħu jippreġudikaw ir-riżultati mistennija mill-koordinazzjoni.

124 Il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 62 tas-sentenza tagħha Airtours vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li fiha l-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 254 tas-sentenza kkontestata kkonkludiet li dawn kellhom ikunu applikati fil-kwistjoni quddiemha, ma jmorrux kontra l-kriterji esposti fil-punti preċedenti ta' din is-sentenza.

125 Issa, fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' tali kriterji, hemm lok li jiġi evitat approċċ mekkaniku li jikkonsiti f'li jiġu vverifikati separatament kull wieħed mill-kriterji meħuda waħedhom filwaqt li jiġi injorat il-mekkaniżmu ekonomiku globali ta' koordinazzjoni taċita ipotetika.

126 F'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni ta', pereżempju, it-trasparenza f'suq speċifiku m'għandhiex issir b'mod iżolat u astratt, iżda għandha ssir bl-użu tal-mekkaniżu ta' koordinazzjoni taċita ipotetika bħala bażi. Fil-fatt, huwa biss fid-dawl ta' tali ipoteżi li huwa possibbli li jiġi vverifikat jekk elementi ta' trasparenza eventwali eżistenti f'suq humiex effettivament tali li jaffaċilitaw id-definizzjoni taċita ta' linja ta' approċċ komuni u/jew tali li jippermettu lill-kompetituri kkonċernati jimmonitoraw b'mod suffiċjenti jekk il-modalitajiet ta' tali linja ta' approċċ humiex osservati. F'dan l-aħħar

rigward, għall-finjiet tal-analiżi tas-sostenibbiltà ta' koordinazzjoni taċita intenzjonata, huwa neċessarju li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ eventwalment aċċessibbli għall-parteċipanti fil-koordinazzjoni taċita allegata, sabiex jiġi vverifikat jekk, minħabba tali mekkaniżmi, ikunx possibbli li dawn isiru jafu, b'mod suffiċjentement preċiż u immedjat, dwar l-iżvilupp tal-imġiba fis-suq ta' kull wieħed mill-parteċipanti l-oħra f'tali koordinazzjoni.

127 F'dak li jikkonċerna din il-kawża, l-appellanti jsostu li, anki jekk, fil-punt 254 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li kienet qed issegwi l-approċċ adottat fis-sentenza tagħha Airtours vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, fil-prattika, hija wettqet żball ta' liġi billi inferiet l-eżistenza ta' trasparenza suffiċjenti minn numru ta' fatturi li ma kinux madankollu rilevati għall-finijiet ta' konstatazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva eżistenti. F'dan il-kuntest, l-appellanti jikkritikaw b'mod partikolari l-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza ammettiet, fil-punt 251 tas-sentenza kkontestata, li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 62 tas-sentenza Airtours vs Il-Kummissjoni, iċċitata ik tar 'il fuq, jistgħu "meta jkun il-każ, jiġu stabbiliti indirettament fuq il-bażi ta' serje ta' indizji u provi, eventwalment ukoll eteroġenei ħafna, relattivi għas-sinjali, manifestazzjonijiet u fenomeni inerenti għall-preżenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva".

128 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif il-Kummissjoni nnotat waqt is-seduta, l-imsemmi punt 251 mhuwiex kritikabbli fih innifsu, peress illi dan jikkostitwixxi dikjarazzjoni ġenerali li tirrifletti l-analiżi libera mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-provi diversi. Fil-fatt skont ġurisprudenza kostanti hija, bħala regola ġenerali, biss il-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-provi mressqa quddiemha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et*, C-136/92 P, Ġabra p. I-1981, punt 66, kif ukoll tal-15 ta' Ġunju 2000, Dorsch Consult vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-237/98 P, Ġabra p. I-4549, punt 50).

129 Bl-istess mod, l-investigazzjoni ta' pożizzjoni dominanti kollettiva preeżistenti li hija bbażata fuq serje ta' elementi li normalment jitqiesu li jindikaw il-preżenza jew il-probabbiltà ta' koordinazzjoni taċita bejn kompetituri ma tistax għaldaqstant, fiha nnifisha, tiġi kkontestata. Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-punt 125 ta' din is-sentenza, huwa essenzjali li din l-investigazzjoni titmexxa b'diliġenza u, fuq kollox, fil-kuntest ta' approċċ ibbażat fuq l-analiżi ta' strateġiji plawżibbli ta' koordinazzjoni eventwali.

130 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Prim'Istanza, li quddiemha Impala qajmet argumenti dwar b'mod partikolari l-partijiet tad-Deċiżjoni kkontestata li jittrattaw it-trasparenza tas-suq, ma wettqitx l-analiżi tagħha tal-imsemmija partijiet fid-dawl ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ postulat li jifforma parti minn teorija plawżibbli ta' koordinazzjoni taċita.

131 Ċertament, fil-punt 420 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għall-possibbiltà ta' "sett magħruf ta' regoli" li jirregolaw l-għoti ta' skontijiet mill-majors. Madankollu, sussegwentement, kif l-appellanti ġustament jenfasizzaw fil-kuntest tat-tieni kritika speċifika msemmija fil-punt 113 ta' din is-sentenza, li tikkonċerna l-kwistjoni dwar jekk ċerti varjazzjonijiet ta' skontijiet, ikkonstatati mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata, kinux tali li jqiegħdu inkwistjoni l-possibbiltà ta' monitoraġġ adatt tal-osservanza reċiproka tal-modalitajiet ta' eventwali koordinazzjoni taċita, il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkuntenta ruħha, fil-punti 427 sa 429 tas-sentenza appellata, b'affermazzjonijiet mhux sostnuti dwar professjonist ipotetiku tas-settur. Issa, fil-punt 428 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza ammettiet hija stess li Impala, rikorrenti quddiemha, "tabilħaqq ma spjegatx preċiżament x'inhuma dawn id-diversi regoli li jirregolaw l-għoti tal-iskontijiet promozzjonali".

132 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li Impala tirrappreżenta l-impriżi li, anki jekk mhumiex membri tal-oligopolija ffurmata mill-majors, huma attivi fl-istess sqieq. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-Qorti tal-Prim'Istanza injorat il-fatt li l-oneru tal-prova jaqa' fuq Impala f'dak li jikkonċerna l-kwalitajiet allegati ta' dan l-ipotetiku "professjonist tas-settur".

133 Fid-dawl ta' dan li jippreċedi, mingħajr mhemm bżonn li tittieħed pożizzjoni fuq il-fondatezza tat-tielet kritika speċifika msemmija fil-punt 113 ta' din is-sentenza, hemm lok li jiġi konkluż li, billi interpretat ħażin il-priċipji li kellhom jiggwidaw l-analiżi tagħha tal-argumenti mqajma quddiemha li kienu jikkonċernaw it-trasparenza tas-suq fil-kuntest ta' pożizzjoni dominanti kollettiva allegata, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi.

134 Dan l-iżball jivviżja l-parti tas-sentenza appellata li tikkonċerna l-eżami mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-argumenti dwar l-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni mwettqa

mill-Kummissjoni, inkluż il-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tinsab fil-punt 377 tas-sentenza appellata. Madankollu, dan fih innifsu mhuwiex tali li jinvalida l-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tinsab fil-punt 325 tas-sentenza appellata li, essenzjalment, id-Deċiżjoni kkontestata għandha tkun annullata minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni. Għaldaqstant għandhom jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra.

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza eċċediet il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija għandha

— Is-sentenza appellata

135 F'ċertu punti tas-sentenza appellata, bħall-punti 347 u 361 tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza użata espressjonijiet bħal "trasparenza kbira tal-prezzijiet" jew "trasparenza kbira tas-suq". Barra minn hekk, fil-punt 299 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkaratterizza l-konklużjoni li tinsab fid-Deċiżjoni kkontestata li l-prezzijiet tal-katalogu kienu "pjuttost allinjati" bħala li hija "għall-inqas, prudenti, billi l-allinjament kien, effettivament, aċċentwat ħafna". Fil-punt 307 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li "l-varjazzjoni fil-livelli ġenerali tal-iskontijiet fuq il-fatturi applikati mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, kif irrilevata fil-premessa 78 tad-deċiżjoni [kkontestata], hija baxxa ħafna". Fil-punt 317 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet mid-Deċiżjoni kkontestata li "l-iskontijiet promozzjonali għandhom biss impatt limitat fuq il-prezzijiet".

136 Fil-punt 425 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat, fir-rigward tad-Deċiżjoni kkontestata, li "l-kalkolu tad-differenzjali bejn l-iskontijiet minimi u massimi [...] magħmul għal kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni twettaq b'mod żbaljat". Fil-punt 427 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat li d-data dwar l-iskontijiet pprovduta mill-partijiet fil-konċentrazzjoni huma "ta' rilevanza dubjuża".

137 Fil-punt 434 tas-sentenza appellata, huwa b'mod partikolari indikat is-segwenti:

"[…] l-istudju ppreparat mill-ekonomisti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jippreżentax data suffiċjentement affidabbli, rilevanti u komparabbli […]. Anki jekk jitqies li hija stabbilita, iċ-ċirkustanza li mhux il-bejjiegħa bl-imnut kollha dejjem japplikaw sistematikament l-istess mark-up għall-prezz bl-imnut hija, f'kull każ, irrilevanti. Filwaqt li huwa tabilħaqq probabbli li t-tipi differenti ta' bejjiegħa bl-imnut (supermarkits, kumpanniji indipendenti, stabbilimenti speċjalizzati, eċċ) japplikaw politika ta' mark-up differenti, u li jeżistu differenzi fi ħdan kull kategorija ta' operaturi, u anki differenzi għal kull operatur individwali skont it-tipi ta' album jew il-grad ta' suċċess tagħhom, min-naħa l-oħra xejn mhuwa probabbli, u l-istudju ma jikkontjeni ebda data f'dan ir-rigward, li bejjiegħ bl-imnut ser japplika politika ta' bejgħ differenti għall-istess tip ta' album. […]"

— L-argumenti tal-partijiet

138 L-appellanti, sostnuti f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni, jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza eċċediet il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija għandha, bi ksur tal-Artikolu 230 KE u ta' ġurisprudenza kostanti, billi ssostitwixxiet l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni, u bla ma ppruvat l-eżistenza ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li jivvizzjaw id-Deċiżjoni kkontestata u mingħajr ma talbet pariri ekonomiċi.

139 Barra minn hekk, fl-eżami tagħha tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza stess wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u interpretat b'mod fundamentalment żbaljat il-provi mressqa quddiemha dwar l-aspetti essenzjali tal-kawża, inkluż, b'mod partikolari, ir-rilevanza, il-kumplessità u l-opaċità tal-iskontijiet.

140 Barra minn hekk, l-appellanti jikkunsidraw li l-Qorti tal-Prim'Isanza, fil-punti 425, 427 u 434 tas-sentenza appellata, żnaturat ukoll ċerti provi.

141 Impala tikkunsidra li dan l-aggravju jikkostitwixxi, għall-inqas b'mod sinjifikattiv, tentattiv sabiex tiġi kkuntestata l-evalwazzjoni fattwali magħmula mill-Qorti tal-Prim'Isatnza, mingħajr mal-appellanti ma jistabbilixxu li l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat ħażin il-provi għad-dispożizzjoni tagħha.

142 Sussidjarjament, Impala ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha l-ġurisprudenza rilevanti dwar il-portata tal-istħarriġ tagħha meta hija eżaminat id-Deċiżjoni kkontestata billi rreferiet, fil-punt 328 tas-sentenza appellata, għall-punt 39 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, iċċitata iktar 'il fuq, u li għaldaqstant ma qabżitx il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija għandha.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

143 L-ewwel nett, hemm lok li jiġu miċħuda l-argumenti ta' Impala dwar l-inammissibbiltà tar-raba' aggravju. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li ssostni din tal-aħħar, permezz ta' dan l-agravju, l-appellanti ma jillimitawx ruħhom sabiex jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula fl-ewwel istanza, iżda jinvokaw kwistjonijiet ta' dritt li huma ammissibbli fl-istadju tal-appell.

144 Fuq il-mertu, hemm lok li jiġi mfakkar qabel kollox li l-Kummissjoni għandha marġini diskrezzjonali fil-qasam ekonomiku għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli sostantivi tar-Regolament, b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tiegħu. Minn dan jirriżulta li l-istħarriġ mill-qorti Komunitarja ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar konċentrazzjonijiet huwa limitat għall-verifika tal-eżattezza materjali tal-fatti u għan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kali & Salz, punti 223 u 224, kif ukoll Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, punt 38).

145 Madankollu, għalkemm il-Qorti tal-Prim'Istanza m'għandhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni ekonomika tagħha ma' dik tal-Kummissjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli sostantivi tar-Regolament, dan ma jimplikax li l-Qorti Komunitarja għandha tonqos milli tistħarreġ l-interpretazzjoni ġuridika, mill-Kummissjoni, tad-data ta' natura ekonomika Fil-fatt, il-qorti Komunitarja m'għandhiex tivverifika

biss l-eżattezza materjali tal-provi prodotti, il-kredibbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn l-elementi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex tali li jsostnu l-konklużjonijiet li jirriżultaw minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, punt 39, kif ukoll Spanja vs Lenzing, punti 56 u 57).

146 F'dak li jikkonċerna l-kawża preżenti, għandu jiġi kkonstatat li, safejn il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-kuntest tal-argumenti mqajma quddiemha, wettqet eżami ddettaljat tal-provi li jsostnu d-Deċiżjoni kkontestata, hija aġġixxiet skont ir-rekwiżiti tal-ġurisprudenza stabbiliti fil-punti 144 u 145 ta' din is-sentenza.

147 Madankollu, din il-konklużjoni, fiha nnifisha, mhijiex biżżejjed sabiex jiġi miċħud ir-raba' aggravju. Fil-fatt, barra l-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza eċċedietx il-portata tal-istħarriġ li hija għandha f'dak li jikkonċerna l-livell ta' intensità tal-istħarriġ tagħha tal-bażi fattwali tad-Deċiżjoni kkontestata, l-appellanti wkoll jisħqu, kif jirriżulta mill-punt 130 ta' din is-sentenza, li l-Qorti tal-Prim'Istanza stess, fl-eżami tal-fatturi li fuqhom hija bbażata d-Deċiżjoni kkontestata, wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u interpretat b'mod fundamentalment żbaljat il-provi mressqa quddiemha.

148 Dawn l-aħħar allegazzjonijiet jikkoinċidu parzjalment ma' aggravji oħra ta' dan l-appell jiġifieri, minn naħa, l-ewwel, it-tieni u seba' aggravji kif ukoll l-ewwel parti tat-tielet aggravju, dwar it-trattament mill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' ċerti provi mressqa quddiemha u, min-naħa l-oħra, il-ħames aggravju, ibbażat fuq interpretazzjoni ħażina mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-kriterji ġuridiċi applikabbli fir-rigward ta' pożizzjoni dominanti kollettiva.

149 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punti 95, 102 u 133 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-eżami tagħha tal-argumenti bbażati fuq l-eżistenza ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, wettqet żbalji ta' liġi f'dak li jikkonċerna kemm il-mod li bih ġew trattati ċerti provi kif ukoll il-kriterji ġuridiċi

applikabbli fir-rigward ta' pożizzjoni dominanti kollettiva li tirriżulta minn koordinazzjoni taċita.

150 Għaldaqstant, mingħajr mhemm bżonn li tittieħed deċiżjoni la fuq l-allegazzjonijet tal-appellanti bbażati fuq l-iżnaturament tal-provi lanqas fuq il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza appellata, effettivament issostitwixxietx l-evalwazzjoni ekonomika tagħha għal dik tal-Kummissjoni, hemm lok li jiġi konkluż li, għall-inqas, il-parti tas-sentenza appellata li tikkonċerna l-eżami tal-argumenti bbażati fuq l-eżistenza ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni hija vviżjata bi żball ta' liġi. F'dak li jikkonċerna l-parti tas-sentenza appellata li tikkonċerna l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, huwa neċessarju li jiġi indirizzat is-sitt aggravju.

Fuq is-sitt aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi f'dak illi l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat rekwiżit żbaljat fir-rigward tal-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet li japprovaw konċentrazzjoni

— Is-sentenza appellata

151 Fil-punti 255 sa 276 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġabret fil-qosor l-elementi rilevanti tad-Deċiżjoni kkontestata għall-eżami tal-ewwel aggravju mressaq quddiemha. Il-punt 275 tal-imsemmija sentenza jipprovdi kif ġej:

"Jirriżulta minn dak li ntqal li hu fuq il-bażi tal-omoġeneità tal-prodott, tat-trasparenza tas-suq kif ukoll tal-użu ta' miżuri ta' ritaljazzjoni li l-Kummissjoni kkonkludiet li ma kinitx teżisti pożizzjoni dominanti kollettiva".

152 Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza stħarrġet diversi taqsimiet tad-Deċiżjoni kkontestata sabiex tivverifika jekk din kienx fiha motivazzjoni

suffiċjenti sabiex jiġi kkonstatat n-nuqqas ta' trasparenza tas-suq inkwistjoni u wieġbet f'kull każ fin-negattiv.

153 Il-Qorti tal-Prim'Istanza qabel kollox eżaminat it-taqsima tad-Deċiżjoni kkontestata li tittratta b'mod partikolari t-trasparenza tas-suq. F'dan ir-rigward, hija indikat, b'mod partikolari, fil-punti 289, 290 u 294 tas-sentenza appellata, dan li ġej:

"289 Fir-rigward tat-taqsima ad hoc, għandu jiġi osservat, preliminarjament, li hija tikkontjeni biss tliet premessi, minkejja li, skont id-deċiżjoni [kkontestata], u iktar u iktar skont il-pożizzjoni difiża mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, it-trasparenza hija, f'dan il-każ, il-motiv essenzjali, tabilħaqq l-uniku wieħed, li fuqu tistrieħ l-asserzjoni li mhemmx pożizzjoni dominanti kollettiva fis-swieq tal-mużika rreġistrata. Għandu jiġi rrilevat ukoll li f'din it-taqsima ma ġiex stabbilit li s-suq mhuwiex trasparenti, u lanqas li mhuwiex trasparenti biżżejjed biex jippermetti kollużjoni taċita. L-iktar l-iktar huwa indikat, minn naħa, fil-premessa 111 infine, li l-ħtieġa li jitwettaq monitoraġġ fuq il-livell tal-albums, b'mod partikolari għall-iskontijiet promozzjonali, 'jista' jnaqqas it-trasparenza fis-suq u jagħmel il-kollużjoni taċita iktar diffiċli' u, min-naħa l-oħra, fil-premessa 113 in*fine*, li 'madankollu, il-Kummissjoni ma sabitx provi biżżejjed li juru li b'monitoraġġ tal-prezzijiet bl-imnut jew b'kuntatti mal-bejjiegħa bl-imnut, il-kumpanniji l-kbar tad-diski setgħu, fil-passat, jegħlbu d-defiċit ta' trasparenza fir-rigward tal-iskontijiet promozzjonali, kif deskritti għall-ħames Stati Membri l-kbar'. Evidentement, tali asserzjonijiet vagi li ma jipprovdux l-iċken dettall, b'mod partikolari, dwar in-natura tal-iskontijiet promozzjonali, iċ-ċirkustanzi li fihom dawn l-iskontijiet jistgħu jiġu applikati, il-grad ta' opaċità tagħhom, il-kobor tagħhom jew l-impatt tagħhom fuq it-trasparenza tal-prezzijiet, ma jistgħux jimmotivaw suffiċjentement skont il-liġi l-konstatazzjoni li s-suq mhux suffiċjentement trasparenti biex jippermetti pożizzjoni dominanti kollettiva.

290 Barra minn hekk, jidher li, apparti ż-żewġ siltiet imsemmija hawn fuq, il-fatturi kollha stipulati fil-premessi 111 sa 113 tad-deċiżjoni [kkontestata] iktar milli juru l-opaċità tas-suq, juru għall-kuntrarju li s-suq kien trasparenti.

[…]

294 Jirriżulta minn dak li ntqal iktar 'il fuq li, fit-taqsima ad hoc tad-deċiżjoni [kkontestata] li tikkonċerna l-eżami tat-trasparenza, mhux biss il-Kummissjoni ma kkonkludietx li s-suq kien opak jew mhux trasparenti biżżejjed sabiex jippermetti pożizzjoni dominanti kollettiva, iżda, barra minn dan, semmiet biss fatturi ta' natura li jagħtu lok għal trasparenza kbira fis-suq u li jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-osservanza ta' kollużjoni, bl-eċċezzjoni waħdanija tal-asserzjoni, ta' portata pjuttost limitata u mhux sostanzjata, li l-iskontijiet promozzjonali jistgħu jnaqqsu t-trasparenza u jirrendu l-kollużjoni taċita iktar diffiċli. Għandu għalhekk jiġi kkonstatat li din it-taqsima manifestament ma tistax, waħedha, tiġi kkunsidrata li timmotiva suffiċjentement skont il-liġi l-asserzjoni li s-suq mhuwiex trasparenti biżżejjed."

154 Il-Qorti tal-Prim'Istanza sussegwentement eżaminat l-iżviluppi li jinsabu fid-Deċiżjoni kkontestata dwar eventwali "politika komuni tal-prezzijiet" bejn il-majors u analizzathom, fil-punti 295 sa 324 tas-sentenza appellata, sabiex tfittex indizji li jistgħu jispjegaw l-insuffiċjenza allegata ta' trasparenza fis-swieq inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza, b'mod partikolari għamlet il-konklużjonijiet segwenti:

"315 Jidher għalhekk li l-uniku element ta' opaċità rrilevat fid-deċiżjoni [kkontestata] jikkonsisti fid-dikjarazzjoni, fil-premessa 80 (u fil-premessi korrispondenti għall-pajjiżi l-kbar l-oħra), li 'jidher, madankollu, li l-iskontijiet promozzjonali huma anqas trasparenti mill-iskontijiet ordinarji u li l-monitoraġġ tagħhom jeżiġi wkoll osservazzjoni bir-reqqa tal-iżvilupp ta' skontijiet ta' dan it-tip fis-suq bl-imnut'.

[…]

318 Għandu wkoll jiġi osservat li d-deċiżjoni [kkontestata] ma tgħidx li s-suq huwa opak, u lanqas biss li mhuwiex suffiċjentement trasparenti biex jippermetti

koordinazzjoni tal-prezzijiet, iżda l-iktar l-iktar li l-iskontijiet promozzjonali huma anqas trasparenti, mingħajr biss ma d-deċiżjoni [kkontestata] tipprovdi l-iċken element ta' informazzjoni fir-rigward tan-natura tagħhom, taċ-ċirkustanzi li fihom ingħataw jew tal-importanza konkreta tagħhom għall-prezzijiet netti, jew tal-impatt tagħhom fuq it-trasparenza tal-prezzijiet.

319 Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li, kif ġie spjegat iktar 'il fuq, il-Kummissjoni rrilevat fid-deċiżjoni [kkontestata] diversi elementi u fatturi li jiffavorixxu t-trasparenza tas-suq u jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-osservanza ta' akkordju.

320 Minn dan isegwi li l-ftit affermazzjonijiet relattivi għall-iskontijiet promozzjonali li jinsabu fit-taqsima tad-deċiżjoni [kkontestata] li tittratta l-eżami tal-koordinazzjoni tal-prezzijiet fil-pajjiżi l-kbar, peress li huma imprecizi, mhux sostanzjati, jew saħansitra kontradetti minn osservazzjonijiet oħra li jinsabu fid-deċiżjoni [kkontestata], ma jistgħux juru l-opaċità tas-suq u lanqas tal-iskontijiet promozzjonali. Barra minn hekk, dawn id-dikjarazzjonijiet huma limitati għall-indikazzjoni li l-iskontijiet promozzjonali huma anqas trasparenti mill-iskontijiet ordinarji iżda ma jispjegawx kif huma jistgħu jkunu rilevanti għat-trasparenza tas-suq u ma jippermettux li jiġi mifhum kif huma jistgħu, fihom innifishom, jikkumpensaw għall-fatturi l-oħra kollha ta' trasparenza tas-suq identifikati fid-deċiżjoni [kkontestata] u b'hekk jeliminaw it-trasparenza neċessarja għall-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva.

[…]

324 Minn dan isegwi li lanqas it-taqsima relattiva għall-pajjiżi ż-żgħar ma tinkludi motivazzjoni tal-konstatazzjoni li s-suq mhuwiex trasparenti minħabba l-iskontijiet promozzjonali. F'kull każ, is-sitwazzjoni eżistenti fil-pajjiżi ż-żgħar ma tistax tikkostitwixxi motivazzjoni valida tal-konstatazzjoni relattiva għall-grad ta' trasparenza fis-swieq tal-pajjiżi l-kbar.

325 Jirriżulta minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq li l-ilment ibbażat fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni tal-konstatazzjoni relattiva għat-trasparenza tas-suq huwa fondat, li fih innifsu jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni [kkontestata]."

155 Il-punt 411 tas-sentenza kkontestata jistipola s-segwenti:

"Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni tabilħaqq sostniet li hija kienet eżaminat l-iskontijiet tal-kumpanniji prinċipali l-oħra, iżda li, billi dawn il-figuri ma setgħux jiġu żvelati lill-partijiet fil-konċentrazzjoni, kien impossibbli li jiġu inklużi fid-deċiżjoni [kkontestata]. Dan l-argument ma jistax madankollu jiġi aċċettat."

156 Il-punt 530 tas-sentenza appellata jgħid hekk:

"Jirriżulta mill-premessa 157 tad-deċiżjoni [kkontestata], u b'mod partikolari mill-aħħar sentenza tagħha, li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni ma tirrappreżentax bidla suffiċjentement sostanzjali biex tirriżulta fil-ħolqien probabbli ta' pożizzjoni dominanti kollettiva hija espressament ibbażata fuq il-kundizzjonijiet relattivi għat-trasparenza tas-suq u għall-miżuri ta' ritaljazzjoni."

— L-argumenti tal-partijiet

157 L-appellanti jsostnu, fl-ewwel lok, li s-sistema Komunitarja ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 10(6) tar-Regolamenti, timpedixxi lill-Qorti tal-Prim'Istanza tannulla deċiżjoni li tapprova tali konċentrazzjoni minħabba motivazzjoni insuffiċjenti.

158 Alternattivament, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat rekwiżiti ta' motivazzjoni eċċessivament għoljin, fatt li huwa inkompatibbli mal-ġurisprudenza stabbilita u li ma jieħux inkunsiderazzjoni l-kuntest partikolari u n-natura tal-proċeduri għall-kontroll tal-konċentrazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta imponiet fuq il-Kummissjoni tispjega għaliex tbiegħdet mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

159 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat, fl-eżami tagħha tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-kuntest partikolari ta' deċiżjoni li tapprova konċentrazzjoni. Dwar dan, l-appellanti jressqu diversi argumenti. L-ewwel, huma jikkunsidraw li għandhom jiġu imposti rekwiżiti inqas għoljin fir-rigward tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni li tapprova konċentrazzjoni milli fir-rigward ta' dik ta' deċiżjoni li tipprojbixxi tali konċentrazzjoni. It-tieni nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza naqset b'mod żbaljat milli teżamina l-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata mil-lat tal-professjonijiet infurmati sewwa tas-settur. It-tielet nett, il-qosor tat-terminu li jissepara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet minn deċiżjoni li tapprova konċentrazzjoni jitlob ċertu miżura ta' kontroll fl-istħarriġ tal-motivazzjoni ta' tali deċiżjoni. Ir-raba' nett, il-fatt li l-appellanti huma awtorizzati jimplementaw il-konċentrazzjoni nnotifikata għandu jkun ta' ostakolu għall-annullament tad-deċiżjonijiet li japprovaw konċentrazzjoni minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni. Il-ħames nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 411 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi billi obbligat lill-Kummissjoni tippublika dettalji fuq il-prezzijiet u l-iskontijiet, fid-dawl tan-natura kunfidenzjali u sensittiva tagħhom.

160 F'kull każ, kuntrarjament għall-evawlazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Prim'istanza, ġurisprudenza kostanti tissuġġerixxi, skont l-appellanti, li d-Deċiżjoni kkontestata hija mmotivata b'mod adatt peress illi din ippermettiet lil Impala tivverifika l-motivi li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni u lill-Qorti tal-Prim'Istanza teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha. F'dan ir-rigward, l-appellanti jsostnu b'mod partikolari li l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza li d-Deċiżjoni kkontestata kienet insuffiċjentement immotivata hija diffiċilment kompatabbli mal-evalwazzjoni tagħha li l-imsemmija deċiżjoni hija vvizjata bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

161 Fl-aħħar nett, l-appellanti jsostnu li l-eżami mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata huwa vviżjat mill-użu ta' rekwiżit ta' prova żbaljat,

in-nuqqas ta' osservanza tal-portata korretta tal-istħarriġ ġudizzjarju u l-applikazzjoni ta' kriterju żbaljat fir-rigward tat-trasparenza.

162 Bla ħsara għall-eċċezzjoni ġenerali tagħha ta' inammissibbiltà, Impala ssostni, fl-ewwel lok, li l-appellanti ma jistgħux jgħollu għal-livell ta' regola ġenerali l-klawżola ta' eċċezzjoni li tikkostitwixxi l-Artikolu 10(6) tar-Regolament. Fit-tieni lok, skont Impala, l-appellanti b'mod żbaljat jallegaw, essenzjalment, li l-Artikolu 253 KE jista' jiġi applikat jew le skont jekk deċiżjoni li tikkonċerna konċentrazzjoni proposta hijiex negattiva jew pożittiva. Fit-tielet lok, Impala ssostni li l-livell ta' motivazzjoni rikjest jiddependi mill-kuntest u mill-qafas ġuridiku li fih att partikolari huwa adottat. Il-fatt li r-rekwiżiti ta' motivazzjoni jkunu adattati skont it-tip ta' kawża kkunsidrata huwa għal kollox konformi ma' dan il-prinċipju. Issa, f'dan il-każ, din hija kawża li fiha l-proċeduri formali kienu miftuħa u li tinvolvi oppożizzjoni serja minn naħa ta' parti terza u dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

163 F'dak li jikkonċerna l-argumenti sussidjarji tal-appellanti dwar il-livell ta' motivazzjoni applikat mill-Qorti tal-Prim'Istanza, Impala ssostni, minn naħa, li l-Qorti tal-Prim'Istanza tillimita ruħha sabiex issemmi estratti mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex tenfasizza l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata u l-inkoerenzi intrinsiċi f'din tal-aħħar u tibbaża l-konstatazzjoni tagħha ta' din l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni fuq l-argumenti esposti fid-Deċiżjoni kkontestata stess u mhux b'paragun ma' dawk żviluppati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Min-naħa l-oħra, Impala tikkunsidra li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma naqsitx milli tqis il-kuntest tal-proċeduri għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet.

164 Barra minn hekk, mill-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet f'miżura li twettaq eżami eżawrjenti tad-Deċiżjoni kkontestata ma jirriżultax li l-motivazzjoni tagħha kienet suffiċjenti. Skont Impala, huwa ferm evidenti li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinitx f'pożizzjoni li tifhem b'mod partikolari għaliex, minkejja li l-provi wrew l-eżistenza ta' trasparenza suffiċjenti sabiex tiġi sostnuta konstatazzjoni tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, il-Kummissjoni madankollu kkonkludiet li l-provi tat-trasparenza kienu insuffiċjenti, għaliex l-iskontijiet promozzjonali kienu inqas trasparenti mit-tipi l-oħra ta' skontijiet. Skont Impala, il-motivi veri tad-Deċiżjoni kkontestata jibqgħu mhux magħrufa.

165 F'dak li jikkonċerna l-argumenti tal-appellanti miġbura fil-qosor fil-punt 61 ta' din il-kawża, Impala ssostni li l-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza dwar ċerti aspetti tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata huma bbażati fuq eżami fid-dettall tal-analiżi magħmula mill-Kummissjoni, iżda, fuq kollox, fuq l-inkoerenzi interni tad-Deċiżjoni kkontestata stess.

— Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

166 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-motivazzjoni rikjesta mill-Artikolu 253 KE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament segwit mill-istituzzjoni li tkun adottat l-att b'tali mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jkun evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Mhuwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-elementi kollha rilevanti ta' fatt u ta' dritt, inkwantu l-kwistjoni jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-imsemmi Artikolu 253 għandha tiġi evalwata mhux biss b'riferiment għall-kliem użat fiha, iżda wkoll għall-kuntest tagħha kif ukoll għar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/05, Ġabra p. I-1719, punt 63; tat-22 ta' Ġunju Il-Portugall vs Il-Kummissjoni C-42/01, Ġabra p. I-6079, punt 66, kif ukoll tal-15 ta' April 2008, Nuova Agricast, C-390/06, Ġabra P. i-2577, punt 79).

167 Madankollu, l-istituzzjoni li tkun adottat l-att mhijiex obbligata tieħu pożizzjoni fuq elementi li bla dubju ta' xejn huma sekondarji jew li tantiċipa oġġezzjonijiet potenzjali (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2005, Il-Ġermanja u Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni, magħrufa bħala "Feta", C-465/02 u C-466/02, Ġabra p. I-9115, punt 106). Barra minn hekk, il-livell ta' preċiżjoni tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni għandu jkun proporzjonat mal-possibbiltajiet materjali u mal-kundizzjonijiet tekniċi jew ta' terminu li fihom din għandha tittieħed (ara s-sentenzi tal-1 ta' Diċembru 1965, Schwarze, 16/65, Ġabra p. 1081, 1096 u 1097, kif ukoll tal-14 ta' Frar 1990, Delacre *et* vs Il-Kummissjoni, C-350/88, Ġabra p. I-395, punt 16). Għaldaqstant, il-Kummissjoni lanqas ma tikser l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni jekk, meta teżerċita s-setgħa tagħha ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, ma tinkludix fid-deċiżjoni tagħha motivazzjoni preċiża fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' numru ta' aspetti tal-konċentrazzjoni li jidhrilha li huma

manifestament irrilevanti, insinjifikanti jew kjarament sekondarji għall-evalwazzjoni tal-konċentrazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar 'il fuq, punt 64). Tali rekwiżit ikun fil-fatt diffiċilment kompatibbli mal-ħtieġa ta' ħeffa u t-termini stretti ta' proċedura li l-Kummissjoni għandha tosserva meta teżerċita s-setgħa tagħha ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet u li jiffurmaw parti minn ċirkustanzi partikolari ta' proċeduri għall-kontroll ta' dawn il-konċentrazzjonijiet.

168 Minn dan jirriżulta li, meta l-Kummissjoni tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament, ir-rekwiżit ta' motivazzjoni huwa sodisfatt jekk din id-deċiżjoni turi b'mod ċar ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tikkunsidra li l-konċentrazzjoni inkwistjoni, jekk ikun il-każ wara tibdiliet magħmula mill-impriżi kkonċernati, ma toħloqx jew ma ssaħħaħx pożizzjoni dominanti li b'riżultat tagħha kompetizzjoni effettiva tkun ostakolata b'mod sinjifikattiv fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu.

169 F'dan ir-rigward, għalkemm huwa veru li l-Kummissjoni mhijiex obbligata, fil-motivazzjoni ta' deċiżjonijiet adottati b'applikazzjoni tar-Regolament, tieħu pożizzjoni fuq l-elementi u l-argumenti kollha mqajma quddiemha, inkluż dawk li bla dubju ta' xejn huma sekondarji għall-evalwazzjoni li għandha tagħti, xorta jibqa' l-fatt li hija għandha turi l-fatti u l-kunsiderazzjonjijiet ġuridiċi ta' importanza essenzjali fil-kuntest tad-deċiżjoni. Barra minn hekk, il-motivazzjoni għandha tkun loġika, u ma jkollhiex b'mod partikolari kuntradizzjoni interna (ara, f'dan is-sens, b'analoġija, is-sentenzi tat-18 ta' Mejju 1962, Geitling *et* vs L-Awtorità Għolja, 13/60, Ġabra p. 165, 221; tal-15 ta' Lulju 1970, ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni, 41/69, Ġabra p. 661, punt 78; tas-7 ta' Lulju 1981, Rewe-Handelsgesellschaft Nord u Rewe-Markt Steffen, 158/80, Ġabra p. 1805, punt 26, kif ukoll tas-17 ta' Mejju 1988, Arendt vs Il-Parlament, 28/87, Ġabra p. 2633, punti 7 u 8).

170 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandhom jiġu eżaminati l-oġġezzjonijiet imqajma mill-appellanti fil-kuntest tas-sitt aggravju.

171 L-ewwel nett, l-appellanti jsostnu li deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova konċentrazzjoni ma tistax tkun annullata minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni.

Dawn jibbażaw ruħhom b'mod partikolari f'dan ir-rigward fuq l-Artikolu 10(6) tar-Regolament.

172 Mill-punt 49 ta' din is-sentenza jirriżulta li din l-aħħar dispożizzjoni hija intiża sabiex tiżgura ċ-ċertezza leġali fil-każ fejn, eċċezzjonalment, il-Kummissjoni ma tkunx adottat deċiżjoni fit-terminu previst. Għaldaqstant, l-impriżi kkonċernati huma ħielsa li jimplementaw il-konċentrazzjoni tagħhom meta jkun hemm approvazzjoni taċita.

173 Kif Impala rrilevat, l-argumenti tal-appellanti bbażati fuq l-Artikolu 10(6) tar-Regolament jħallu x'wieħed jifhem li d-deċiżjonijiet li japprovaw konċentrazzjonijiet m'għandhomx għalfejn ikunu mmotivati, peress illi dawn ma jistgħux ikunu kkontestati minħabba nuqqas ta' motivazzjoni.

174 Issa, għandu jiġu mfakkar li nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni ta' natura li jikser l-Artikolu 253 KE jaqa' taħt il-ksur tal-forom proċedurali sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 230 KE, u jikkostitwixxi barra minn hekk motiv li jista', u anki għandu, jitqajjem *ex officio* mill-qorti Komunitarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Frar 1997, Il-Kummissjoni vs Daffix, C-166/95 P, Ġabra p. I-983, punt 24). Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, test tad-dritt Komunitarju sekondarju għandu jiġi interpretat, safejn huwa possibbli, f'sens li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007, Schutzverband der Spirituosen-Industrie, C-457/05, Ġabra p. I-8075, punt 22 kif ukoll ġurisprudenza ċċitata). Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 10(6) tar-Regolament għandu jiġi interpretat u applikat fid-dawl tal-Artikoli 230 KE u 253 KE.

175 Għaldaqstant, kif jirriżulta mill-punt 49 ta' din is-sentenza, l-imsemmi Artikolu 10(6) jikkostitwixxi eċċezzjoni għall-iskema ġenerali tar-Regolament, li tirriżulta b'mod partikolari mill-Artikoli 6(1) u 8(1) tiegħu, li permezz tagħha l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi espressament fuq il-konċentrazzjonijiet li huma nnotifikati lilha, u dan kemm jekk id-deċiżjoni tkun negattiva kif ukoll jekk tkun pożittiva. Għaldaqstant, mhux biss l-Artikolu 10(6) ma jistax jifforma l-bażi ta' preżunzjoni ġenerali favur il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjonijiet mas-suq komuni, iżda ma jistax iservi lanqas ta' bażi għal eċċezzjoni għall-possibbiltà li tiġi kkontestata l-legalità ta' deċiżjoni li

tapprova tali konċentrazzjoni minħabba l-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Fil-fatt, ir-rekwiżit leġittimu ta' ċertezza legali f' sitwazzjonijiet eċċezzjonali, rifless f' din l-imsemmija dispożizzjoni, ma jistax iwassal sal-punt li jsekludi kompletament jew parzjalment, id-deċiżjonijiet dwar konċentrazzjoni mill-istħarriġ tal-qorti Komunitarja.

176 L-argumenti tal-appellanti bbażati fuq l-Artikolu 10(6) tar-Regolament għandhom għaldaqstant jiġu miċħuda.

177 Alternattivament, l-appellanti jsostnu, b' mod partikolari, li, peress illi d-Deċiżjoni kkontestata ppermettiet lil Impala tivverifika l-motivazzjoni tal-approvazzjoni inkwistjoni u lill-Qorti tal-Prim'Istanza teżerċita l-istġarriġ ġudizzjarju tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kkonformatx ruħha mal-ġurisprudenza kostanti tal-qrati Komunitarji dwar ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni.

178 F'dan ir-rigward, hekk kif jirriżulta mill-punt 166 ta' din is-sentenza, hija ġurisprudenza stabbilita li l-motivazzjoni rikjesta mill-Artikolu 253 KE hija intiża sabiex tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha, u min-naħa l-oħra, li dan ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jkun evalwat skont in-natura tal-att inkwistjoni u tal-kuntest li fih dan ġie adottat (ara, ukoll, is-sentenzi tas-7 ta' April 1987, SISMA vs Il-Kummissjoni, 32/86, Ġabra p. 1645, punt 8; tal-4 ta' Ġunju 1992, Consorgan vs Il-Kummissjoni, C-181/90, Ġabra p. I-3557, punt 14; tal-15 ta' April 1997, Irish Farmers Association *et*, C-22/94, Ġabra p. I-1809, punti 39 sa 41; tad-19 ta' Settembru 2002, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-114/00, Ġabra p. I-7657, punti 62 u 63; tat-2 ta' Ottubru 2003, Krupp Hoesch vs Il-Kummissjoni, C-195/99 P, Ġabra p. I-10937, punt 110, kif ukoll Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar' il fuq, point 372).

179 F' dan il-każ huwa veru li ċertu disproporzjonar fid-Deċiżjoni kkontestata bejn il-preżentazzjoni tal-elementi intiżi sabiex juru trasparenza suffiċjenti u dik tal-influwenza tal-iskontijiet promozzjonali, li juru l-kontra ta' tali trasparenza, jista' jidher ta' sfortuna. Madankollu, fid-dawl, l-ewwel nett, tal-kuntest li fih id-Deċiżjoni kkontestata ġiet adottat, ikkaratterizzat b' mod partikolari mill-perijodu ta' żmien qasir bejn, minn naħa, ir-risposta bil-miktub għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kif

ukoll is-seduta quddiem il-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, it-tmiem tal-proċeduri formali u, it-tieni nett, tar-rekwiżiti tal-ġurisprudenza esposta fil-punti 166 sa 169 ta' din is-sentenza, b' mod partikolari l-punti 166 u 167 tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma setgħetx, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, tikkunsidra li l-Kummissjoni kienet naqset, f' dan il-każ, mill-obbligu li timmotiva b' mod sufficjenti d-Deċiżjoni kkontestata (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 1981, Krupp Stahl vs Il-Kummissjoni, 275/80 u 24/81, Ġabra p. 2489, punt 13, kif ukoll tat-13 ta' Marzu 1985, L-Olanda u Leeuwarder Papierwarenfabriek vs Il-Kummissjoni, 296/82 u 318/82, Ġabra p. 809, punt 21).

180 Fil-fatt, fl-ewwel lok, id-Deċiżjoni kkontestata turi r-raġunament segwit mill-Kummisjoni sabiex tippermetti li tiġi kkontestata ulterjurament, kif għamlet Impala, l-fondatezza tagħha quddiem il-qorti kompetenti. F' dan ir-rigward ikun eċċessiv li tiġi meħtieġa, kif għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 289 tas-sentenza appellata, deskrizzjoni dettaljata ta' kull wieħed mill-aspetti li fuqhom hija bbażata d-Deċiżjoni kkontestata, bħan-natura tal-iskontijiet promozzjonali, iċ-ċirkustanzi li fihom dawn setgħu jiġu applikati, grad ta' opaċità tagħhom, il-kobor tagħhom jew l-impatt tagħhom fuq it-trasparenza tal-prezzijiet (ara f'dan is-sens, b'analoġija, is-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni C-286/98 P, Ġabra p. I-9925, punti 59 sa 61, kif ukoll tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, Ġabra p. I-4777, punt 108). Dan huwa iktar u iktar il-każ għaliex Impala kienet, kif jirriżulta b' mod partikolari mill-punti 7 u 10 tas-sentenza appellata, strettament implikata fil-proċeduri formali (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kunsill, C-120/99, Ġabra p. I-7997, punt 29, u tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-303/01, Ġabra p. I-7655, punt 50) u setgħet ukoll perfettament tikkontesta quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza l-validità tal-evalwazzjoni dwar il-mertu magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata.

181 Fit-tieni lok, hekk kif jirriżulta b' mod partikolari mill-punti 275, 289 u 530 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet taf bir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni ddeċidiet li tapprova l-konċentrazzjoni inkwistjoni. Fuq kollox hija ddedikat numru ta' punti fis-sentenza tagħha għall-analiżi tal-fondatezza ta' dawn ir-raġunijiet. Issa, għandu jiġi mfakkar f' dan ir-rigward li l-obbligu li jiġu mmotivati deċiżjonjiet jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali li għandu jkun distint mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, peress illi din taqa' taħt il-legalità sostantiva tal-miżura inkwistjoni (ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar' il fuq, punt 67, kif ukoll tas-7 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-310/99, Ġabra p. I-2289, punt 48). Fil-fatt, il-motivazzjoni ta' deċiżjoni tikkonsisti fl-espressjoni formali tal-motivi li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni. Jekk dawn il-motivi huma vvizjati bi żbalji, dawn jivvizzjaw il-legalità

sostantiva tad-deċiżjoni, iżda mhux il-motivazzjoni tagħha, li tista' tkun suffiċjenti filwaqt li jkunu espressi motivi żbaljati. Għaldaqstant, ma jistax jiġi allegat li kien impossibbli għall-Qorti tal-Prim'Istanza teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza Chronopost u La Postevs UFEX *et,* iċċitata iktar 'il fuq, punt 112).

182 Għalhekk hemm lok li jiġi milqugħ is-sitt aggravju mqajjem mill-appellanti, mingħajr mhemm bżonn li ttieħed deċiżjoni dwar l-oġġezzjonijiet esposti fil-punti 158, 159 u 161 ta' din is-sentenza.

183 Fid-dawl tal-kunsiderazzjoijiet kollha li jippreċedu, hemm lok li dan l-appell jiġi ddikjarat bħala fondat.

**Fuq l-appell inċidentali allegat**

184 Ir-risposta tal-Kummissjoni tinkludi taqsima distinta li tinkludi "osservazzjonijiet supplimentari" fuq "il-motivi essenzjali" tad-Deċiżjoni kkontestata. Hemmhekk, il-Kummissjoni tissottometti li fil-punti 474 u 476 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kklasifikat ħażin il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri ta' ritaljazzjoni bħala motiv essenzjali tal-imsemmija deċiżjoni. Skont il-Kummissjoni, jekk f' dawn il-proċeduri kellu jiġi deċiż illi l-konstatazzjonijiet magħmula fid-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tan-nuqqas ta' trasparenza tas-suq ma kinux ivvizjati bi żball ta' liġi, l-imsemmija deċiżjoni jkollha tiġi ddikjarata legali, irrispettivament minn jekk din kienx fiha jew le żbalji ta' liġi fir-rigward tal-miżuri ta' ritaljazzjoni.

185 Impala interpretat dawn l-iżviluppi li jinsabu fir-risposta tal-Kummissjoni bħala appell inċidentali u wieġbet għalihom b' dokument separat, tat-23 ta' Marzu 2007, billi invokat l-Artikolu 117(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Sussegwentement, il-partijiet ġew awtorizzati jippreżentaw dokumenti oħra dwar dan, fejn l-aħħar wieħed ġie ddepożitat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Lulju

2007, filwaqt li tħalliet miftuħa l-kwistjoni dwar jekk Impala kellhiex id-dritt tinvoka l-imsemmi Artikolu 117(2).

186 Il-kwalifika ta' argument bħala appell inċidentali teżiġi, skont l-Artikolu 117(2) tar-Regoli tal-Proċedura, li l-parti li tinvokah tkun trid tikseb l-annullament, totali jew parzjali, tas-sentenza appellata fuq raġuni li ma kienx tqajjem fl-appell. Sabiex jiġi stabbilit jekk dan huwiex il-każ f'dan il-każ, għandha tiġi eżaminata d-diċitura, l-għan u l-kuntest tas-silta inkwistjoni fir-risposta tal-Kummissjoni.

187 Issa, għandu jiġi enfasizzat f' dan ir-rigward li l-Kummissjoni ma tuża fl-ebda parti fir-risposta tagħha l-espressjoni "appell inċidentali". Barra minn hekk, il-Kummissjoni wkoll indikat b' mod ċar matul il-proċeduri, b'mod partikokarti fis-seduta, li hija bl-ebda mod ma kellha l-intenzjoni tressaq appell inċidentali permezz tal-"osservazzjonijiet supplimentari" tagħha.

188 F' dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-imsemmija osservazzjonijiet ma jikkostitwixxux appell inċidentali. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li ssostni Impala, mhemmx lok li ttitieħed pożizzjoni fir-rigward tagħhom.

**Fuq ir-rinviju tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza**

189 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Hija tista' allura jew tiddeċiedi hija stess definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza biex din tiddeċidiha.

190 Peress illi l-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat biss tnejn mill-ħames motivi invokati minn Impala insostenn tar-rikors tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li din il-kawża mhijiex fi stat li tiġi deċiża. Għaldaqstant, hemm lok li l-kawża tiġi rinvijata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

191 Peress li l-kawża għandha tiġi rinvijata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, hemm lok li jiġu rriżervati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri ta' appell.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-13 ta' Lulju 2006, Impala vs Il-Kummissjoni (T-464/04), hija annullata.**

2) **Il-kawża għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej.**

3) **L-ispejjeż huma rriżervati.**

Firem